# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 848

April 2003

*Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Qala*



# IL-HARSIEN TAL-KMANDAMENTI



Katekesi
Biblika
Pastorali
minn
Patri
Guido
Schembri ofm

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

## IL-HARSIEN TAL-KMANDAMENTI

*"Dawn il-kmandamenti huma l-bażi ta' kollox għax kull liġi oħra hija tifsira ta' xi parti minnhom... Għalhekk il-Knisja bniet il-liġijiet tagħha fuq l-għaxar kmandamenti. Hi trid li nkunu nafuhom u nosservawhom. U biex inħarsuhom tajjeb, jeħtieġ li jkunu mfissrin lilna wkoll tajjeb fil-katekesi li tingħata qabel l-ewwel tqarbina u l-griżma, u li għandha tibqa' tingħata wkoll fl-età adulta meta l-bniedem isib ruħu f'diversi ċirkostanzi tal-ħajja."*

\- P. Guido Schembri ofm, fil- "Kelmtejn Qabel" ta' dan il-ktieb.

Dan huwa s-seba' volum fis-sensiela popolari ta'

**KATEKESI GĦALL-KBAR**

Is-sitt volumi l-oħra li ġa ħarġu huma dawn:




*Sintesi ta' l-Istorja Biblika b'riflessjonijiet minn P. Guido Schembri ofm.*




*Sintesi ta' l-Istorja tal-Knisja b'riflessjonijiet minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*




*Tagħrif Storiku u Riflessjonijiet tal-Ġublew 2000 minn Mons. Salv Borg*




*Katekesi dwar is-Sagrifiċċju Ewkaristiku minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*




*Katekesi dwar is-Seba' Sagramenti minn P. Guido Schembri ofm.*




*Katekesi dwar it-Tridu Paskwali minn Angelo Xuereb*

*Jinbiegħu għall-prezz ta' Lm1.50 il-kopja*

## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Qala • 12
Is-Simboliżmi tal-Għid • 16
Versi Riflessivi fuq Ġerusalemm -Żewġ poeżiji• 19
ACM: Il-Vera Tifsira tal-Għid • 20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu –
Permess għall-Ftuħ ta' Bieb• 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tat-Twemmin Nisrani (16) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (15) • 26
Wirt Għiżitna –
Il-Mużew tal-Knisja tax-Xewkija • 30
Xhieda Nisranija : Fra Baskal (4) • 32
Għawdxin li għadna niftakru (4) -
Pawlu tal-Lingi • 34
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 848***
***April 2003***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta'Marzu 2003*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


**Ritratt tal-Qoxra:**
**Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Qala**
(ara l-intervista f'paġni 12-15)

# EDITORJAL

# 'PACEM IN TERRIS' Erbgħin Sena Wara

*L-Enċiklika "Pacem in Terris" - l-ittra tal-Papa t-twajjeb lill-umanita` kollha, fuq il-paċi fost il-ġnus kollha bbażata fuq il-verita`, il-ġustizzja, l-imħabba u l-liberta`, tirrapreżenta l-quċċata u l-qofol tal-maġisteru ta' Ġwanni XXIII.*

*Imwielda fil-klima soċjo-politika ta' l-hekk imsejħa "gwerra bierda", l-Enċiklika "Pacem in Terris" (11 ta' April 1963) tissuġġerixxi anke 'llum lil kull bniedem ta' rieda tajba r-raġunijiet tal-paċi li jitnisslu mir-rikonoxximent tad-dinjita` ta' kull persuna umana, u mill-impenn li jiġu instawrati rapporti interpersonali u bejn l-komunitajiet politiċi, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet ta' kull individwu singolu.*

*Din l-enċiklika, li għaliha l-ex-president ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, John F. Kennedy, kien jgħid li tagħmlu kburi li hu kattoliku, hi mqassma f'ħames taqsimiet. Wara introduzzjoni stupenda dwar l-ordni fl-univers, insibu l-ewwel taqsima li titkellem dwar l-ordni fost l-umanita` u d-drittijiet u d-dmirijiet tal-bniedem; it-tieni taqsima titratta r-relazzjonijiet ideali fl-istat, bejn l-individwi u l-awtoritajiet pubbliċi; it-tielet titkellem dwar ir-relazzjonijiet ta' l-istati u l-gvernijiet diversi; r-raba' titratta r-relazzjonijiet bejn il-komunita` internazzjonali minn naħa u l-individwu u l-komunitajiet politiċi min- naħa l-oħra. Il-ħames u l-aħħar taqsima tippreżenta xi linji pastorali ibbażati fuq l-erba' pilastri tal-verita`, il-ġustizzja, l-imħabba u l-liberta`.*

*Fl-okkażjoni ta' l-40 anniversarju mill-promulgazzjoni tal-"Pacem in Terris", il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi 2003, fakkarna f'dan l-avveniment u fl-impenn kontinwu ta' kull nisrani favur il-paċi dejjiema. Hekk ukoll għamel l-Isqof tagħna l-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi permezz ta' ċirkulari fit-28 ta' Diċembru 2002. Huwa ssuġġerixxa fost l-oħrajn t-tiġdid tar-riflessjoni fuq l-istess enċiklika fejn aċċenna wkoll dwar l-attwalita` tagħha saħansitra fiż-żminijiet tal-lum.*

*Fi żmien meta t-theddida ta' gwerra oħra mondjali tinsab imdendla fuq rasna, u f'dan il-perijodu ta' l-Għid fejn jispikkaw il-kelmiet ta' Kristu Rxoxt "Il-Paċi magħkom!", hu xieraq li kulħadd jiskopri mill-ġdid il-ħlewwa tal-paċi u jfittex li din tkun il-bażi ta' kull ħidma u relazzjoni tiegħu. Fuq kollox, jeħtieġ li nitolbu ħafna għat-tmiem tal-gwerra fl-Iraq, u biex il-ġustizzja, l-imħabba u l-paċi jsaltnu f'kull pajjiż tad-dinja.*




## IL-WIEĦED U GĦOXRIN ĠIMGĦA BIBLIKA DJOĊESANA 2003

Bħas-snin l-imgħoddija fid-Djoċesi t'Għawdex ġiet iċċelebrata l-Ġimgħa Biblika Djoċesana li bdiet fit-8 ta' Frar u ġiet fi tmiema fl-14 ta' Frar 2003. It-tema ġenerali kienet 'id-Djakonija'. Għal dan il-għan saru ħafna attivitajiet kemm fuq bażi parrokkjali u anke fuq bażi djoċesana. Fost dawn l-attivitajiet kien hemm diversi laqgħat li saru fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika, Victoria u li attendew għalihom numru sabiħ ta' saċerdoti, reliġjużi u membri ta' l-Għaqdiet. Il-kelliema ewlenin kienu Mons Lawrenz Sciberras li tkellem fuq "il-Qaddej ta' Jahweh", Dun Anton Mizzi li tkellem fuq "Bin il-Bniedem ma' ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi", u Dun Gerald Buhagiar li ittratta s-suġġett "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej".

## "JUM IX-XAGĦRA"

Nhar il-Ħadd 23 ta' Frar, ġewwa x-Xagħra ġie ċċelebrat għall-ewwel darba "Jum ix-Xagħra". Mons Isqof Nikol Cauchi kkonċelebra quddiesa fil-Bażilika tax-Xagħra flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika. Fl-omelija, Mons Isqof ta spjegazzjoni ġenerali fuq il-Vanġelu tal-miraklu ta' Ġesu li ħafer id-dnubiet u fejjaq il-mifluġ. Hu kompla l-omelija tiegħu billi stieden lill-poplu Xagħri sabiex kif ħafna familji Għawdxin illum għandhom id-djar tagħhom sbieħ u mżejna b'ħafna affarijiet li jiswew il-flus, hekk ukoll il-poplu Xagħri għandu jkompli jieħu ħsieb kif dejjem għamel il-knisja parrokkjali, għaliex din tissimbolizza r-raħal kollu tax-Xagħra.

## FESTA TAL-MADONNA TAL-FIDUĊJA

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Fiduċja, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar, Mons Isqof Nikol Cauchi kkonċelebra quddiesa fil-kappella ta' l-Ispigolatriċi fi Triq Ġnien Xibla, Xagħra. Fl-omelija tiegħu l-Isqof wera' kif il-Madonna hija l-mudell tal-ħajja tagħna, u li aħna għandna nittamaw fiha bħal ma hi kellha t-tama tagħha f'Alla.

## "JUM L-ISQOF" FID-DJOĊESI T'GĦAWDEX

Bħas-snin l-imgħoddija, din is-sena ukoll il-Moviment "Pro Sanctitate" tad-djoċesi ta' Għawdex organizza "Jum l-Isqof" fl-okkażjoni ta' għeluq snin Mons Isqof Nikol Cauchi li ħabat nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu. Għal din l-okkażjoni nhar is-Sibt 1 ta' Marzu, fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat, ġiet iċċelebrata konċelebrazzjoni immexxija minn Mons Isqof innifsu. Għal din il-konċelebrazzjoni kienu mistiedna s-saċerdoti, ir-reliġjużi u d-diriġenti ta' l-Għaqdiet Kattoliċi. Fl-omelija Mons Isqof radd il-ħajr lil Alla ta' l-għomor li selfu u rringrazzja lill-membri tal-kleru u s-sekulari li ħadmu id f'id miegħu fil-kamp ta' l-apostolat.

Fil-parroċċi kollha matul il-quddies kollu tas-Sibt u l-Ħadd sar talb speċjali għall-ħtiġijiet materjali u spiritwali ta' Mons Isqof. Tajjeb li ngħidu li l-iskop ta' dan il-jum huwa li joħloq iktar sensibilita` għall-missjoni li għandu l-Isqof fid-djoċesi bħala ragħaj tal-poplu afdat lilu, u biex l-insara jkomplu jiffurmaw fihom spirtu ta' kollaborazzjoni fil-ħidma tad-djoċesi.

## FTUĦ U TBERIK TAĊ-ĊENTRU GĦALL-PERSUNI NEQSIN MIS-SMIEGĦ

Nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu filgħodu, Mons Isqof Nikol Cauchi kkonċelebra quddiesa fil-kappella ta' Manresa u għamel l-omelija ta' l-okkażjoni. Wara sar il-ftuħ ta' dan iċ-ċentru għall-persuni neqsin mis-smiegħ, li jinsab maġenb Manresa. Id-diskors ewlieni għamlu l-president tal-għaqda, Dr. Karistu Attard.

## *TĦEJJIJIET GĦALL-MIĠJA TAR-RELIKWIJA TA' SANTA TEREŻA TAL-BAMBIN ĠESU*

Ir-Rev. Patri Provinċjal tat-Tereżjani flimkien ma' Mons. Rużar Borg żaru lill-Isqof ġewwa s-Seminarju u ppreżentawlu l-abbozz tal-programm tal-festi li qed jitħejjew għall-miġja tar-relikwija ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu fostna, sabiex jagħtih l-approvazzjoni tiegħu.



## *IL-LEĠJUN TA' MARIJA FIX-XAGĦRA*




Nhar il-Ħadd 16 ta' Marzu filgħaxija, Mons Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena tat-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija fix-Xagħra. Fl-omelija, Mons Isqof tkellem dwar l-apostolat tal-lajċi speċjalment dwar il-kwalita` meħtieġa li għandu jkollhom; dik ta' ħajja interjuri mżewqa b'ħafna talb. Hadu sehem f'din il-konċelebrazzjoni d-diretturi spiritwali tal-Leġjun ta' Marija u l-membri leġjunarji li huma fi ħdan din l-għaqda. Saret ukoll wirja fuq il-Leġjun.





# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

## *Vari u Mudelli ta' Knejjes*



Nhar is-Sibt 22 ta' Frar, filgħaxija, il-Ministru għal Għawdex inawgurat wirja ta' vari u mudelli ta' knejjes, imtella' mill-Għaqda Għawdxija tad-Dilettanti Mudelli tal-Knejjes u Vari. Il-wirja nżammet f'waħda mis-swali tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk, Victoria. Il-wirja tbierket mid-Direttur Spiritwali ta' l-Għaqda, Patri Gwardjan Michael Attard. Il-wirja baqgħet miftuħa sal-Ħadd 9 ta' Marzu. Ħadu sehem madwar erbgħin esebitur.



## *Inawgurazzjoni ta' Monument f'Sannat*

Il-President ta' Malta l-E.T. il-Prof Guido de Marco, il-Ħadd 23 ta' Frar inawgura monument f'ġieħ Mro. Vincenzo Caruana Spiteri fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri, Sannat. Iċ-ċerimonja kienet organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Sannat u bdiet b'marċ mill-Banda Santa Margerita. Saret merħba mit-tfal Joanna Attard u George Luke Borg. Siltiet mużikali ġew provduti minn orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Debrincat. Kanta l-kor tal-parroċċa "Ulied Margerita". Il-Kunsilliera Marija Vella tkellmet dwar ħajjet Mro. Vincenzo Caruana Spiteri waqt li Anton F. Attard qara poeżija miktuba minnu stess għal din l-okkażjoni. Wara, il-President għamel diskors u kixef il-monument kif ukoll lapida. Xegħel ukoll il-funtana ta' madwar il-monument. It-tberik sar mill-arċipriet tal-parroċċa l-Kan. Tarcisio Camilleri. Il-monument huwa xogħol l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi.



## *Karnival 2003*

Ir-Renju tal-Karnival kien iċċelebrat Għawdex mill-Ġimgħa 29 ta' Frar sat-Tlieta 4 ta' Marzu, għalkemm il-Karnival ta' Victoria għalaq it-Tnejn 3 ta' Marzu. Il-Karnival ġie organizzat f'diversi rħula oħra fosthom fin-Nadur, il-Qala, ix-Xewkija, Għajnsielem, l-Għarb, Sannat, iż-Żebbug u x-Xagħra. Wieħed seta' jara karrijiet trijonfali, karrijiet fuq l-imħaret, kostumi tat-tfal u tal-kbar, baned, żfin, maskri grotteski u l-kukkanja. Sadattant tħabbar illi n-Nadur ser jospita l-25 konvenzjoni internazzjonali tal-FECC li hija l-*Federation of European*

*Carnival Cities* fis-sena 2005. Fir-ritratt jidher il-karru trijonfali (Sezzjoni A) bl-isem "*Lill-Eġittu Niddominaw u lil Ruma Nisfrattaw*" magħmul mill-grupp "Għal ġol-Ħajt" tal-Qala, li ġie l-ewwel fil-karnival ta' Victoria.

## L-"HSBC Cares for Children Fund" jappoġġja unit speċjali f'Għawdex

L-*HSBC Cares For Children Fund* se jkopri l-ispejjeż ta' tagħmir speċjalzzat li għandu bżonn il-*unit* speċjali għat-tfal li jinsab fl-iskola primarja Prof Ġuże Aquilina fis-Sannat, Għawdex. Dan il-ftehim tħabbar miċ-*Chairman* ta' l-*HSBC Cares For Children Fund*, Chris Hothersall matul żjara li huwa għamel f'dan il-*unit* fid-9 ta' Marzu flimkien mal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono. L-appoġġ finanzjarju li se jingħata mill-*HSBC Cares For Children Fund* se jgħin il-*unit* sabiex jakkwista t-tagħmir għat-*Therapy Gym*. Dan il-unit speċjali fis-Sannat jieħu ħsieb dawk it-tfal b'diżabilitajiet serji kemm fiżiċi kif ukoll emozzjonali u intelletwali. Għaldaqs tant, it-tagħmir provdut ser ikun speċjalizzat ħafna. L-*HSBC Cares For Children Fund* beda jgħin lill-*unit* speċjali fl-iskola primarja tas-Sannat f'Ġunju 2001 permezz ta' donazzjoni għax-xiri ta' tagħmir li kien jinkludi *Sensory Integration Kit*.

## Għajnuna lil-Librerija Pubblika tan-Nadur mill-HSBC

L-HSBC ippreżenta donazzjoni lill-Kunsill Lokali tan-Nadur nhar is-17 ta' Frar. Dawn ser jintużaw mill-kunsill għax-xiri ta' kotba għal-librerija pubblika tal-lokal. Richard Mercieca, *Area Manager* għal Għawdex ta' l-HSBC, ippreżenta d-donazzjoni lil Dr. Chris Said, is-Sindku tan-Nadur.

## "Ġieħ in-Nadur" lil artist speċjali - Frans Camilleri



Dan il-premju jingħata kull sena mill-Kunsill Lokali tan-Nadur lil dik il-persuna li tkun ikkontribwiet b'mod pożittiv fil-lokalita`. Din is-sena l-premju ngħata lill-artist li jpinġi bil-ħalq, Frans Camilleri. Iċ-ċerimonja saret il-Ħamis 20 ta' Frar fis-sala tal-knisja. Frans irringrazzja lill-Kunsill ta' dan l-unur kif ukoll għall-ħidma tal-Kunsill favur persuni b'diżabilita`. Dr. Chris Said, is-sindku, fid-diskors tiegħu spjega s-sinifikat ta' l-unur. Huwa semma wkoll il-proġetti ewlenin li wettaq il-Kunsill Lokali fl-aħħar sena. Peter Paul Vella qara profil ta' Frans Camilleri. Il-kantanta Chiara żewqet il-programm bil-leħen sabiħ tagħha. Peter Paul Buttigieg ppreżenta s-serata.

## Ċentru Ġdid għall-GAD f'Għawdex ħdejn Manresa House



Il-*Gozo Association for the Deaf* għandha ċ-ċentru ġdid tagħha fi Triq Santa Duminka, Victoria. Iċ-ċentru nfetaħ uffiċċjalment il-Ħadd 2 ta' Marzu mill-Ministru għal Għawdex u tbierek mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi. Saru diskorsi qosra mit-Tabib Karistu Attard, il-President ta' din l-għaqda, mill-Isqof Cauchi kif ukoll mill-Ministru. Saru żewġ interventi mużikali minn Mro. Colin Attard fuq il-pjanu akkumpanjat minn ibnu Jean Noel fuq il-vjolin. Fi tmiem iċ-ċerimonja, Carmen Grech u membri oħra tal-kumitat dawru lill-mistednin mal-post il-ġdid.

# *RIŻULTATI TAL-ELEZZJONIJIET TAL-KUNSILLI LOKALI GĦAWDEX, 8 TA' MARZU 2003*

## GĦARB

Voti reġistrati: 886
Voti mitfugħin: 775
Voti validi: 717
Voti invalidi: 58
Kwota: 120
MLP 34.73%; PN 65.27%
Eletti:
MLP: D. Agius, E. Portelli
PN: D. Apap, R. Cassar, S. Cefai


D. Agius


D. Apap


R. Cassar


S. Cefai


E. Portelli

## SANNAT

Voti reġistrati: 1,365
Voti mitfugħin: 1,186
Voti validi: 1,140
Voti invalidi: 46
Kwota: 191
MLP 55.88%; PN 35.96%
Ind: 8.16%
Eletti:
MLP: C. Camilleri, R. Cassar, M. Grima
PN: J. Bajada, E. Terribile


J.Bajada


C. Camilleri


R. Cassar


M. Grima


E. Terribile

## VICTORIA

Voti reġistrati: 5,132
Voti mitfugħin: 4,566
Voti validi: 4,237
Voti invalidi: 329
Kwota: 530
MLP 34.74%; PN 65.26%
Eletti:
MLP: J. Debrincat, V. Camilleri. PN: A. Tabone, V.M. Galea Pace, S. Azzopardi, J. Schembri, A. Hili


S. Azzopardi


V. Camilleri


J. Debrincat


M.V. Galea Pace


A. Hili


J. Schembri


A. Tabone

SEMINARY READING ROOM




## *Ktieb Ġdid ta' poeżiji mill-Papa*

Għall-bidu ta' Marzu li għadda, ġie ppreżentat il-ktieb "**Trittiku Ruman, Meditazzjonijiet**" li fih il-poeżiji tal-Papa, li jmissu l-kwistjonijiet importanti tal-ħajja u ta' ħajjet Ġwanni Pawlu II. Hu kiteb il-ktieb ta' 33 paġna bil-pollakk fi tmiem il-vjaġġ lejn art twelidu f'Awissu 2002 u temmu fil-Milied li għadda.

Il-ktieb fih tlett partijiet. L-ewwel, "In-nixxiegħa", hi kontemplazzjoni mistika tan-natura, li tgħolli l-ġmiel tagħha u t-tiftix ta' Alla mill-bniedem. It-tieni parti hi meditazzjoni "Fuq il-Ktieb tal-Ġenesi fuq l-għatba tal-Kappella Sistina", riflessjoni ispirata mill-arti ta' Michelangelo fuq il-bniedem, ix-xbieha t'Alla, mill-Ħolqien sal-Ġudizzju Aħħari. Ġwanni Pawlu II jitlob biex ix-xbihat tal-Kappella Sistina juru lill-kardinali miġbura biex jagħżlu s-suċċessur tiegħu "iċ-ċarezza tal-kuxjenzi". It-tielet parti, "Għolja fl-Art ta' Morija", tfakkar f'Ur tal-Kaldej, art twelid Abraham, u fid-diskursata bejn il-patrijarka u ibnu Iżakk, li kien se joffriħ sagrifiċċju fuq l-Għolja Morija.

## *Bangladex: L-Insara jridu l-Għid Vaganza Nazzjonali*

L-Insara fil-Bangladex għamlu talba formali lill-gvern biex jiddikjara Ħadd il-Għid vakanza nazzjonali. Fis-17 ta' April, diversi gruppi nsara għandhom jagħmlu dimostrazzjonijiet pubbliċi biex juru fil-beraħ is-sentimenti tagħhom.

Talbu wkoll biex, flimkien mal-Buddisti u l-Induwisti, ikollhom delegati fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Reliġjużi, kif għandhom il-Musulmani. Talbu wkoll għal aktar spazju fuq il-*media* u għall-permess biex jużaw tiżjin fit-triqat fil-Milied u l-Għid. Għoxrin sena ilu, il-gvern bidel il-vaganza nazzjonali tal-*weekend* mis-Sibt u l-Ħadd għall-Ġimgħa u s-Sibt. Dan ifisser li l-insara għandhom il-Quddiesa tal-Ħadd wara s-sigħat tax-xogħol. Il-Buddisti fil-Bangladex għandhom ftit vaganzi rikonoxxuti. L-insara għandhom il-Milied, iżda jittamaw li dalwaqt ikollhom l-Għid. Madwar 88% tal-133 miljun ruħ fil-Bangladex huma Musulmani.

## *Miraklu jmexxi 'l quddiem il-kawża ta' Charles de Foucauld*

Dan il-patri franċiż (1858-1916) li miet fl-Alġerija ispira ħafna Kattoliċi bl-ispirtwalita` tiegħu. Fl-2001 kien imsemmi mill-Papa bħala mudell għad-djalogu ma' l-Islam "fil-pajjiżi fejn hemm tensjonijiet bejn komunitajiet kulturali u reliġjużi". Wara snin ta' xhieda paċifika lill-Musulmani fin-nofsinhar ta' l-Alġerija, kien maqtul minn membri tat-tribu` Touareg li fosthom kien għex.

Il-kawża tal-beatifikazzjoni infetħet f'April 1978, fid-Djoċesi ta' Għardaien, l-Alġerija, fejn miet. Issa l-Arċidjoċesi ta' Milan temmet ir-riċerka tal-kura medikalment inspjegabbli ta' raġel li kellu kanċer. Wara li l-Kard. D. Tettamanzi jagħmel it-tħabbira formali li tim ta' tobba u teoloġi qablu li l-kura hi mirakoluża, id-dokumenti jintbagħtu Ruma sabiex wara li jiġu ratifikati r-riżultati, jinħareġ id-digriet tal-beatifikazzjoni.

## *Ġabra fil-Qosor tal-Katekiżmu*

F'ittra ippubblikata għall-bidu ta' Marzu, il-Papa approva t-talba biex jitħejja kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u qabbad lill-Kard. J. Ratzinger biex jagħti bidu għat-tħejjijiet meħtieġa. It-talba kienet saret mill-parteċipanti fil-laqgħa tal-Kungress Kateketiku Internazzjonali f'Ruma, f'Ottubru 2002. Tul dik il-laqgħa, bosta qablu mal-proposta li ssir ġabra fil-qosor tal-Katekiżmu li tkun tiġbor biss l-elementi bażiċi kollha tal-fidi u l-morali kattolika, b'mod qasir u ċar. L-għan hu li din il-ġabra toffri test awtorittattiv u sħiħ.

Għandek xi tip ta' propjeta` għall–bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Frangisk Victoria - Gozo Tel 21553960 - 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt* *www.debrincat.com.mt*




## *Radjijiet Kommunitarji f'Għawdex*

Ma nafx kemm hawn djoċesijiet fid-dinja fejn nofs il-parroċċi għandhom ir-radju tagħhom! Nibża li m'aħniex napprezzaw biżżejjed kemm joffrulna opportunitajiet qawwija ta' evanġelizzazjoni u djakonija. Forsi għaliex aktar qed nużawhom bħala mezz ta' informazzjoni milli mezz ta' formazzjoni u ta' tagħlim.

Kemm ikun sewwa kieku jiġu trasmessi regolarment attivitajiet u ċelebrazzjonijiet anke djoċesani. U nsemmi l-konferenzi li jsiru bħal fl-okkażjoni ta' Jum il-Bibbja u l-Kors kwadrienali tat-Teoloġija għal-Lajċi – b'hekk il-kontenut jitwassal għal udjenza aktar wiesgħa.

Kemm ikun sewwa għalhekk kieku jiġu pprovduti programmi mħejjija lir-radjijiet individwali kif ukoll jiġu organiżżati xi korsijiet biex ngħollu l-livell tax-xandir, anke jekk nibqgħu dilettanti fis-sens li bla ħlas.

Kemm ikun f'postu kieku jitfassal xi statut biex jagħti linji ta' direzzjoni ħalli jbarri l-inkwiet u l-abbużi. Dwar dan tkellimna drabi oħra...

## *Timbrar Partiġjan*

F'pajjiżna għandna d-diżgrazzja li l-partiti politiċi infiltraw tista' tgħid kull settur tas-soċjetà. Allura kważi kollox jingħata timbru partiġjan. Inħeġġeġ lil dawk responsabbli għall-ħidmiet u inizjativi reliġjużi biex ma jipparteċipawx fi programmi li jintużaw għal propaganda partiġjana. Ovvjament hu diffiċli jwarrbu għal kollox mill-istazzjonijiet tal-partiti iżda għandhom jillimitaw ruħhom għal fejn hu almenu "newtrali". Inkella faċilment, mhux biss jurtaw, iżda saħansitra jintużaw bla ma jintebħu! Ma nħalltux reliġjon ma' partiġjaniżmu!

## *Is-Sigurta` fuq il-post tax-Xogħol*

Dan l-aħħar innotajt żewġ każi ta' nies jaħdmu fil-għoli u kull darba bqajt imħasseb ferm għax rajt li r-regoli tas-sigurtà ma kienux qed jiġu osservati. Il-ħaddiema kienu qed jaħdmu fuq il-fallakki. Barra li dawn il-ħaddiema ma kinux marbuta b'ebda kwalita` ta' "*safety harness*", ma kien hemm ebda ilqugħ isfel biex in-nies li jkunu għaddejjin minn taħt ikunu protetti. Nixtieq inkun naf jekk il-ħaddiema tal-privat humiex obbligati jilbsu l-ilbies protettiv u jużaw apparat protettiv fuq il-lant tax-xogħol. Ħafna għadhom jabbużaw wisq!

## *Il-Programm ta' l-e-Government*

Haqqhom tabilħaqq prosit dawk kollha li ħadmu u kkontribwew biex bosta servizzi tal-gvern ikunu għad-disposizzjoni tal-pubbliku b'mod elettroniku. Illum il-ġurnata persuna mill-kumdità tad-dar tagħha, tista' permezz ta' l-*internet* tinqeda f'bosta bżonnijiet konnessi mal-uffiċini tal-Gvern. Dawn is-servizzi, bħal ma huma l-ħlasijiet ta' liċenzji, permessi... jkunu jistgħu isiru kull ħin, jiġifieri 24 siegħa kull jum, inkluż il-Ħdud u l-festi pubbliċi. Naturalment biex wieħed jagħmel użu minn dan il-programm ta' l-*e-Government* irid ikollu l-*internet.*

Fatt li hu komdu ħafna imma ma tantx hu ta' konsolazzjoni kbira, hu li issa wieħed jista anke jħallas il-multi dovuti mill-kontravenzjonijiet mogħtija mill-Gwardjani Lokali permezz ta' din is-sistema. L-indirizz tal-*Website* tal-Gvern hu www.gov.mt. Il-paġna tgħidlek kollox x'għandek tagħmel.

## *La semmejna l-Internet.*

L-*internet* fil-gżejjer Maltin issa dieħel ġmielu, imma forsi dieħel bil-mod imqabbel ma' pajjiżi oħra. F'*survey* li sar minn *National Statistics Office* juri li fl-aħħar tas-sena 2002, 38% tad-djar kellhom faċilità ta' '*personal computer*' u l-aċċess għall-*internet* kien ta' 31.3%. Qed nitkellmu fuq djar privati u mhux fuq l-uffiċini tal-gvern jew ditti. L-istatistika turi wkoll li n-naħa ta' fuq ta' Malta l-aċċess għall-*internet* hu ta' 36.9% filwaqt li fin-naħa t'isfel hu ta' 23.8%.

## *Ritratt ... b'mistoqsija!*



***Meta din il-kappella medjevali ta' Santa Ċeċilja f'Għajnsielem ser tiġi restawrata u dikjarata bħala wirt storiku nazzjonali? Jew qed nistennewha taqa' borġ?***

SMS
S. MIFSUD & SONS LTD
TRAVEL & TOURISM
a trusted name for all your travel needs!

Traditionally known for its level of service, SMS has been in the travel service for over 50 years and today offers a wide range of excellent products both for the businessman as well as for the holidaymaker.

**AIR TRAVEL:** *on ANY airline to ANY destination*
**HOTEL RESERVATIONS:** *worldwide bookings*
**CRUISES:** *the widest selection on ALL cruise lines*
**FERRY CROSSINGS:** *on all major Mediterranean crossings*
AS WELL AS ***car hire, travel insurance and group arrangements***

**21 Republic Street, Victoria, Gozo Tel: 21 551126**
311 Republic Street, Valletta Tel: 21 232211
27 Birkirkara Hill, St Julian's Tel: 21 320620
visit our website at www.smstravel.net

IATA
WATA

FRESH 'N' KLEEN

*On Site cleaning of carpets, area rugs, car interiors, upholstery, bed mattresses, etc., using shampoo & fresh water.*

Proprietor: **Michael Muscat**

'Biarritz', G.P.F. Aguis de Soldanis Str., Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 2155 7580 • Mobile: 7928 2360

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau, Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg

55, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 5663
Home: 2155 2277

L-INTERVISTA

# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Qala

Dun Eddie Zammit jintervista lill-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo dwar l-attivitajiet liturġiko-pastorali marbutin mal-Festa tal-Għid.




***1. Arċipriet, dan iż-żmien tar-Randan li jwassal għall-festi ta' l-Għid huwa żmien li jinvolvi ħidma pastorali intensiva. X'taħseb li huma l-għanijiet prinċipali ta' din il-ħidma fi ħdan il-parroċċa tiegħek?***

Naħseb li l-għanijiet prinċipali huma dawk li janimaw il-ħajja tal-komunita` tul is-sena kollha, jiġifieri li tpoġġi l-poplu qrib il-Kelma t'Alla, qrib il-Liturġija u qrib il-Karita`. Il-katekeżi matul ir-Randan tingħata b'abbundanza fil-korsijiet ta' l-eżerċizzi, fl-irtiri u fil-quddiesa ta' kuljum. Il-liturġija tilħaq il-qofol tagħha fit-tridu ta' l-Għid jew fil-Ġimgħa Mqaddsa. Il-karita` matul ir-Randan issir f'għotjiet lis-Seminarju tad-djoċesi, lill-Istituti tal-"Caritas" u fil-ġabra għall-manteniment tas-saċerdoti li ssir nhar Ħamis ix-Xirka.

***2.Bħala parroċċa x'tip ta' preparazzjoni tagħmlu biex jitfassal il-programm ta' ħidma għal dan iż-żmien?***

Ftit ġranet qabel Ras ir-Randan, jiltaqa' il-grupp liturġiku tal-parroċċa u jħejji programm li jkollu objettivi partikolari, per eżempju forom ta' sawm ġdid, pastorali fir-Randan li tilħaq lil dawk li qegħdin fil-periferija, u ċ-ċelebrazzjonijiet kollha liturġiċi jew devozzjonali.






***3.X'hemm partikulari fil-programm ta' din is-sena?***

Din is-sena qed nagħtu enfasi fuq it-talb tas-salmi, li jingħadu l-Ħadd filgħodu u kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija. Ħsibna biex l-eżerċizzi ta' din is-sena jkollhom predikaturi mill-aħjar. Filwaqt li għat-tfal din is-sena, qed issir forma ta' maratona ta' mħabba lil Ġesu` billi t-tfal qed jattendu l-quddies ta' kuljum u jiġbru offerti ta' karita` f'karus apposta.

***4.X'importanza tingħata lix-xandir tal-kelma u lill-funzjonijiet liturġiċi fi ħdan il-komunita` parrokkjali tal-Qala?***

Ir-Randan hu żmien qawwi ta' grazzja u għalhekk faċli tosserva fil-parroċċa tagħna li n-numru ta' nies jiżdied saħansitra għall-quddiesa ta' kuljum. L-akbar preparazzjoni ssir waqt il-laqgħat regolari li jsiru kull ġimgħa, fil-laqgħat taż-żgħażagħ u l-adoloxxenti, fl-għaqdiet bħal-Leġjun ta' Marija u l-Azzjoni Kattolika u fil-Komunitajiet ġodda. Dan iservi ta' ħmira biex il-funzjonijiet liturġiċi u l-preżenza għax-xandir tal-Kelma t'Alla ikollu mhux biss kwantita` imma wkoll kwalita` effiċċjenti.





***5. X'sehem qed jagħtu l-Komunitajiet Ewkaristiċi mwaqqfa fi ħdan il-komunita` parrokkjali fl-attwazzjoni ta' programm liturġiko-pastorali?***

L-akbar sehem li grupp iffurmat fil-parroċċa jista' jagħti, hu dak li jippartecipa b'mod ħaj fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, l-aktar dawk li ma jinħassux daqs Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira. Hekk meta għandek nies mgħallma u ffurmati fil-parroċċa tkun tista ssir ċelebrazzjoni penitenzjali parteċipata, il-mixja ta' Ħadd il-Palm u fuq kollox iċ-ċelebrazzjoni kbira fil-Velja ta' Sibt il-Għid.

***6. Din is-sena fid-djoċesi tagħna qegħdin fis-sena tad-Djakonija, is-sena tal-qadi. Fil-parroċċa tal-Qala fl-imgħoddi saru diversi inizjattivi ta' djakonija. X'hemm maħsub għal din is-sena?***

Minbarra l-ġesti tas-soltu, ħsibna li nwasslu qari tajjeb u l-qligħ li jsir minn dawn il-kotba ngħinu biex tinbena poliklinika fil-missjoni, u ngħinu biex jintbagħat *container* lil wieħed missjunarju Għawdxi.

***7. Waħda mil-ikbar festi li niċċelebraw f'dan iż-żmien hija l-festa tal-Għid. Kif tiġi ċċelebrata din il-festa fi ħdan il-komunità parrokkjali tal-Qala?***

Din hija l-akbar ċelebrazzjoni tan-nisrani u għalhekk titlob preparazzjoni liturġika u kateketika. Il-knisja għall-grazzja t'Alla tkun mimlija b'folla ta' nies li jiġu anke minn Malta biex jgħixu l-erba' mumenti prinċipali tal-Velja tal-Għid. Għall-Mixgħela tad-Dawl, naħsbu biex ikollna blandun ġdid, bil-pittura ta' ikona marbuta mal-programm pastorali parrokkjali. In-nies bid-dawl f'idejhom jieħdu sehem bil-kant ta' l-*Exultet*. Fil-Liturġija tal-Kelma, titwassal il-Kelma bl-aħjar mod. Is-salmi jkunu kantati. Dan kollu jwassal għall-kant tal-Glorja. Fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija u t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, issir possibilment il-magħmudija tat-trabi. L-Ewkaristija l-ġdida ta' l-Għid il-Kbir tispiċċa b'*agape* żgħira għal dawk li





jridu jieħdu sehem. L-għada, Ħadd il-Għid, it-tfal jiġu ferħana u wara l-quddiesa jsir t-tberik u t-tqassim tal-figolli. Fil-għaxija l-istatwa ta' Kristu Rxoxt iddur fit-toroq ewlenin akkumpanjata mid-daqq ferrieħi tal-banda tar-raħal.

***8. Marbuta mal-festi tal-Għid hemm it-tberik tal-familji. Kif tħares lejn dawn il-laqgħat mal-familji tal-parroċċa tiegħek?***



Il-familji jistennew ħafna din iż-żjara tas-saċerdot. Ħasra li minħabba l-ħin tkun trid issir fi ftit minuti u wkoll li din iż-żjara hi marbuta mal-manteniment tal-kappillan. Xorta nemmen li l-kuntatt mal-poplu biż-żjara tal-kappillan fil-familja jnissel ferħ fost il-membri tal-familja u jħalli l-ġid. Niżbaljaw jekk it-tberik jissostitwixxi l-*family visits*, jiġifieri ż-żjajjar fil-familji li għandhom isiru fil-familji anke possibilment fi żmien ieħor tas-sena.



***9. X'messaġġ tixtieq twassal lill-qarrejja tagħna għal dawn il-festi tal-Għid?***

Għawdex tagħna fil-ġranet ta' l-Għid ikollu mijiet ta' nies li jiġu minn Malta u anke nies barranin. Żgur li x-xhieda li l-parroċċi u l-komunitajiet tagħna jistgħu joffru mhix waħda żgħira, u allura jħallulna r-responsabilta` li tmur lil hinn mit-tradizzjoni, responsabilta` li nagħtu xhieda b'konvinzjoni, tal-fidi tagħna.

Gozo Courier

Emanuel Grima

Kurrier Ġdid għal kull xorta ta' Trasport minn bieb għal bieb, f'Għawdex u f'Malta.

Yarraville Gardens
Grunju Str. Nadur.

Tel: 21 561228
Mob: 7956 1228

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

# Is-Simboliżmi fil-Lejl ta' L-Għid

**Jikteb Mons Lawrenz Sciberras**

***Il-liturġija ta' matul il-lejl qaddis tal-Mogħdija tal-Mulej, l-Għid il-Kbir, hija fost l-aktar għonja fit-tifsira simbolika u spiritwali tagħha. Hija liturġija unika li ssir matul is-sena sħiħa tal-Knisja. Hija liturġija mimlija simboliżmi, liema simboli jridu jwassluna biex ifissru dak li jkun qed isir matul dak il-lejl qaddis ta' l-Għid il-Kbir. Hija liturġija twila, u li suppost twassal sa ma jibda ibexbex, meta joqrob il-Jum Ġdid tant mistenni tal-Qawmien. U ħażin jagħmel min jipprova iqassarha, għax aktarx li ma jkun fehem xejn minn dan il-Lejl tal-Mogħdija tal-Mulej.***

***Il-lejl qaddis tal-Qawmien tal-Mulej, huwa lejl ta' Mogħdija. U hawn dan ifakkar fl-ewwel mogħdija t'Alla meta qabeż, bil-Lhudi "pesaħ", id-djar ta' l-Għebrej għax kienu mċappsin bid-demm tal-Ħaruf (Eż 12,13). Il-fatt li saret il-mogħdija, qabża, bl-ingliż "passover", il-mewt ma daħlitx. U hekk il-kastig ma messhomx id-djar tal-Lhud. Mhux hekk ġara mid-djar ta' l-Eġizzjani għaliex ma kenux imċappsin bid-demm.***

***L-istess mogħdija qiegħda wkoll fil-festa ta' l-Għid il-Kbir tagħna l-insara. Jiena niftakar ix-xjuħ tagħna, meta jikkontemplaw l-ewwel misteru tal-glorja kienu jgħidu: "Meta Sidna Ġesu` Kristu GĦADDA mill-mewt għall-ħajja". Hekku kemm kienu jolqtu l-musmar fuq rasu. Teoloġikament hekk għandna ngħidu, għaliex Ġesu` għadda tabilħaqq mid-dlam kiesaħ tal-qabar għall-glorja eterna.***

## *Mixja bix-xema'*

L-ewwel mogħdija fil-liturġija tal-Lejl ta' l-Għid il-Kbir hija dik bix-xema' li s-simboliżmu tagħha huwa Kristu. Fil-knisja jrid ikun hemm id-dlam. Barra jew isfel tal-knisja suppost li jkun hemm żewġ ġebliet taż-żnied, biex meta iħokkuhom ma' xulxin itajru x-xrar u minnhom jitqabbad in-nar u hekk isir l-ewwel dawl ġdid. Dawn iż-żewġ ġebliet iebsin huma simbolu tal-ġebla kbira u tonda li għalqet fomm il-qabar ta' Kristu hemm ġo Ġerusalemm.

Hawn nixtieq inżid esperjenza personali li rajtha ssir kull darba li kont inkun Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid il-Kbir. Għal din il-festa jmorru ħafna pellegrini, uħud minnhom jiġu mill-Greċja u minn Cipru. Issa dawn il-pellegrini jemmnu li mill-qabar ta' Kristu fil-mument tal-qawmien joħroġ in-nar mill-qabar glorjuż. Għalhekk huma jixtru fanal b'xema' ġdida ġo fih, imorru għall-funzjoni, jixgħelu x-xema' minn dak in-nar ġdid li joħroġ mill-qabar u jeħduh jixgħel magħhom lejn djarhom. Araw x'fidi fi Kristu, dawl tad-dinja, kellhom dawn in-nies.

Wara li jitkebbes in-nar ġdid, jixgħelu bih il-blandun, simbolu ċar ieħor ta' Kristu *Dawl*, u tibda l-ewwel mixja bih. Issa din il-mixja tfakkar meta l-Lhud fid-deżert tas-Sinaj, Alla jurihom it-triq matul il-jum permezz ta' sħaba, u matul il-lejl permezz ta' kolonna tan-nar (Num 9,15-23). Għan-nisrani pero` dan id-dawl ġdid huwa Kristu. Ibda biex ix-xema fiha il-ħames boċoċ ta' inċens, li huma simbolu tal-ħames pjagi ta' Kristu, kif ukoll fuqha hemm is-sena 2003 flimkien ma' l-ittri l-*alfa* u l-*omega,* li huma l-ewwel u l-aħħar ittra ta' l-alfabett Grieg. Hekk hemm miktub fl-Apokalissi: "Jiena l-*Alfa* u l-*Omega*, l-Ewwel u l-Aħħar, il-Bidu u t-Tmiem" (22,13). U l-Knisja fil-liturġija għanja tagħha trid li din ix-xema' sabiħa, simbolu ta' Kristu *Dawl*, tkun hemm kull meta jingħata s-sagrament tal-magħmudija, u terġa tkun ħdejn it-tebut, simbolu ċar ieħor li Kristu jimxi magħna sa tmiem ħajjitna.



*Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek, u bi spirtu qalbieni wettaqni.* Salm 51

## *Mogħdija mil-Lejl għall-Jum*

Il-liturġija tibda matul il-lejl, u hija twila biżżejjed biex twassal sat-tbexbix ta' għodwa ġdida. Hawn ukoll għandna simboliżmu ieħor. F'dak l-innu tassew sabiħ, imsejjaħ l-*Exultet*, jiġifieri "Jifirħu", innu li jasal sar-raba' seklu, l-kantur ikanta hekk: "Jalla l-kewkba ta' fil-għodu, xħin jisbaħ, issibu għadu jaqbad, dik il-kewkba li qatt ma tgħib, jiġifieri Kristu Ibnek". Dan huwa lejl mimli bid-dija tal-kwiekeb.

Huwa lejl li jkeċċi n-ngħas tan-nisrani veru. Huwa lejl li jwassalna għal jum mingħajr qatt aktar ma jidlam. U hawn ukoll jidher is-simboliżmu mid-dlam għad-dawl, mill-mewt għall-ħajja. Fil-liturġija l-Knisja tkanta is-salm 116,24: "Dan huwa l-jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih". Għaliex il-Mulej Ġesu` wkoll għadda mid-dlam tal-lejl għad-dawl ta' jum ġdid, jum tant mistenni. U kien kollu minħabba din il-ġrajja tassew divina, li l-Knisja mexxiet jum il-mistrieħ minn dak tas-Sibt għall-ewwel jum tal-ġimgħa, jum il-Qawmien, jum il-Ħadd.

Għalhekk il-Knisja wara li reġgħet irriflettiet fuq l-oriġini ta' dan il-Jum Qaddis, wara li qrat kif Missirijiet il-Knisja jinterpretaw dan il-Jum tal-Mogħdija tal-Mulej, waslet għall-konklużjoni li din hija festa li ddum 50 jum mingħajr ma taqta'. Huwa "Żmien il-Għid il-Kbir".

## *Is-simboliżmu ta' l-Ilma*

It-tielet simboliżmu huwa dak ta' l-ilma. Dan ukoll jilgħab parti importanti ħafna f'dan il-lejl qaddis tal-Mogħdija tal-Mulej. Sewwa li ngħidu li ġol-knisja ma jkun hemm ebda ilma imbierek la fil-ħwat u anqas fil-fonti tal-magħmudija. Għalhekk is-saċerdot jersaq biex ibierek dak l-ilma ġdid, ilma li mbagħad fih jitgħammdu billi jgħoddsu ġo fih it-trabi ġodda, ilma li bih jitbierku dawk in-nies preżenti fil-velja, u fuq kollox ilma imbierek ġdid li bih jitbierku d-djar u l-familji tagħna. Issa dan l-ilma fil-Bibbja ifakkar (1) fl-ilma tad-dulluvju, (2) fl-ilma li għarraq il-Fargħun flimkien mall-karrijiet u n-nies kollha tiegħu, (3) fl-ilma li ħareġ mill-blata samma li ħabbat fuqha Mose` f'Rafidim (Eż 17,6), u (4) xejn anqas fl-ilma tal-Ġordan li tgħammed fih Ġesu` stess.

San Ġwann Krisostmu ikompli iwessa dan il-ħsieb meta jikkummenta li dan l-ilma għandu jfakkar ukoll fl-ilma li ħareġ mill-ġenb minfud ta' Ġesu` meta kien imdendel mas-salib. Dan l-ilma issa se jkollu l-qawwa divina li jaħsel ir-ruħ tat-trabi li jirċievu s-sagrament tal-Magħmudija. Dan l-ilma huwa simbolu ta' kliem Kristu lill-għaref Nikodemu: "Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla" (Ġw 3,5).

Huwa kollu għalhekk li fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, l-insara kellhom battisteri kbar biex kull min jieħu l-magħmudija jgħodos ġo dan l-ilma imbierek biex jerġa joħroġ minnu mnaddaf u maħsul spiritwalment. Dan jgħallimulna San Pawl: "Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesu`, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rm 6,4-5). Kif ukoll lill-Kolossin: "Indfintu miegħu bil-magħmudija u fil-magħmudija rxuxtajtu miegħu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla" (Kol 2,12).



Huwa kollu minn hawn li preferibilment ikun hemm numru ta' magħmudijiet matul dan il-lejl qaddis tal-Mogħdija tal-Mulej, għaliex f'dan il-lejl jidher l-iktar is-simboliżmu tal-mewt u qawmien permezz ta' l-ilma. U fl-ewwel żminijiet tal-Knisja min kien jitgħammed matul dan il-lejl, kien jilbes libsa bajda, u jibqa' biha sal-Ħadd ta' wara, Ħadd li beda jissemma "*Domenica in Albis*".

## *Is-simboliżmu ta' l-Hallelujah*

Din hija kelma li ġejja direttament mil-liturġija tal-Lhud u li saret l-għajta ta' ferħ fost l-insara. Kelma fl-imperattiv tal-verb Lhudi *halel* li jfisser faħħar, tgħanni. Hemm numru ta' salmi li jibdew u jgħalqu b'din il-kelma *Hallelujah*. B'kollox din il-kelma tinsab 23 darba fis-salmi. Ukoll fil-ktieb ta' l-Apokalissi, nsibu mill-ġdid din il-kelma: "Wara dan smajt bħal leħen qawwi ta' kotra kbira fis-sema jgħidu: *Hallelujah* (Apk 19,1;3;4;6).

Inkantaw l-*Hallelujah* qabel l-Evanġelju jfisser li se niltaqgħu bil-ferħ mal-kelma ta' Ġesù. Iżda l-aktar li tinstema' sabiħa, u mimlija ferħ din il-kelma huwa matul il-lejl qaddis tal-Mogħdija tal-Mulej u matul żmien il-Għid kollu. Wara li din il-kelma tkun waqfet għal kollox matul iż-żmien tar-Randan, issa terġa tirbombja fost hena u ferħ matul il-lejl qaddis. Bosta huma dawn il-melodiji tal-kant gregorjan li tassew huma devoti u li dnub kbir li nsejnihom għal kollox, melodiji gregorjani li jagħtu tifsira tassew ħelwa tal-kelma *Hallelujah*.

Fuq kollox minn barra it-tifsira ta' ferħ, din il-kelma *Hallelujah* tfisser ukoll li l-Mulej qam tassew mill-imwiet, *Hallelujah*. Mela nifirħu u nagħmlu festa.

Links Travel
Your link to the world!
Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
*Tel:* 356 2156 0180, 356 2155 6476 *Mob:* 9949 5700
*Fax:* 356 2156 0181
*Email:* travel@linksmalta.com *Web:* www.linksmalta.com

L-Ankra
RESTAURANT

Specialising in
Fresh Fish, Pasta and
Local Specialities.

11 Shore Street, Mgarr, Gozo
For Reservations phone: 2155 56 56 – 2156 02 11
Mob: 9947 6702

Huan Yuan
CANTONESE RESTURANT

11 Shore Street, Mgarr, Gozo
Tel: 2156 5700 / Mob: 9947 6702

The only Cantonese Restaurant in Gozo,
only few meters away from Gozo Ferry!

M n M
DISCOUNT SUPERMARKET
8th September Avenue, Xaghra, Gozo. Tel: 21 560 211 - Mobile: 9947 6702
OPEN ALL DAY

# Tnehid fuq Ġerusalemm

VERSI RIFLESSIVI

## (Mattew 23, 37-39)

*Iva x'hemm*
*f'Ġerusalemm?*
*Inkwiet u hemm,*
*jixtered id-demm!*

*Nibkik, ja Belt Qaddisa,*
*iva, nitħassrek,*
*għax lejn uliedek*
*fejn hi mħabbtek?*

*Ġerusalemm, Ġerusalemm,*
*fik ġew meqrudin,*
*profeti u mibgħutin*
*mietu mħaġġrin!*

*Kemm-il darba ridt niġma*
*taħt kenn ġwenħajk*
*bħal qroqqa l-flieles tiegħek*
*imħarsa miegħek!*

*Inti qatt ma ridt tisma'*
*kliem mimli serħan,*
*warrabt ġid u sliem*
*biex tasal għat-tmiem.*

*Jaħasra ssir ħerba;*
*ħitanek u djarek*
*le iżjed ma jilqgħu*
*'l ħutek fi ħdanek!*

*U meta ser tgħid*
*"Imbierek min ġej*
*f'isem il-Mulej"*
*u tilqa' 'l Feddej?*

*Iva għadni niftakrek*
*tilqagħni bla kejl*
*meta fuq dahar felu*
*bħal re ersaqt lejk!*

*Jekk nerġa fik nidħol,*
*bla palm u żebbuġ*
*nispiċċa did-darba,*
*b'xi bomba splodut!*

*Possibli f'Ġerusalemm*
*ħadd għadu ma fehem*
*li mingħajri ma hemmx*
*ħlief qerda u demm?!*

**Philip Pisani**



L-għolja tal-Kalvarju fis-Santwarju tal-Kruċifissjoni f'Ġerusalemm



"DOMINUS FLEVIT" - Il-Mulej beka-
Il-knisja żgħira, faċċata lejn Ġerusalemm,
fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, mnejn Ġesu`
ħares imnikket lejn Ġerusalemm u beka fuqha.

# Ilbes Lili, Ħabib!

*Għalik dħalt rahan, ġismek, bniedem ilbist,*
*xeddejtek bil-miżerji, bla tqażżiżt.*
*Għalik fqajjar twelidt, bil-bard mirżuħ,*
*ġarrabt kmieni l-eżilju, sfajt bla milqugħ.*
*Fis-sikta għixt sa tberraħ il-miġmugħ,*
*biex folol tmajt, fejjaqt, għamilt mitt ġid,*
*qajjimt niesek mill-mewt, għaġġibt lis-sid.*
*'Mma ħrabtni int, warrabtni fit-tiġrib!*

*Rasi nfidtli b'xewk ta' ilsien niggież,*
*u b'demmi ħsilt tniġġiż il-ħsieb moqżież.*
*Ċarċart tul wiċċi bżieq il-mibgħeda,*
*u bis-swat ħbattni ta' min fiż-żina jehda.*
*Ġejt b'qasba u b'porpra middieħak, muri;*
*sa b'daqqet il-ħarta pattejt għall-kburi.*
*Qomt hekk kontrija li tajtni s-salib,*
*'mma jien fis-skiet, sal-mewt ġarrabt għalik!*

*Ridt dawl nixgħellek, muftieħ nagħtik,*
*għal meta t-tama tarma tħallik,*
*ħa ddawwal, tiftaħ moħħok mudlam,*
*l-għanqbuta tfarfar, konfuż, beżgħan.*
*x'ħin fit-tlellix ma ssibx serħan,*
*tmurx titlob, tafda 'l min hu setgħan;*
*'mma fittex ilbes Lili, ħabib,*
*ħa jiddi ġismek, tinsa s-salib,*
*sa mill-mewt tqum, bħali rebbieħ,*
*fi ħdan Missieri, f'jum ġdid u sabiħ!*

**Francis Sultana**




## IL-VERA TIFSIRA TA' L-GĦID

*L-essenza tal-Għid hi t-tiġdid.*
*Waqt l-Velja tal-Għid, aħna*
*għandna kollox ġdid:*
*nar ġdid, dawl ġdid, ilma ġdid...*
*Kulħadd irid soċjeta` ġdida u dinja ġdida,*
*li tkun aktar umana u fraterna.*
*Iżda biex ikollna dinja ġdida u soċjeta` ġdida*
*jehtieġ li jkollna*
*QLUB ĠODDA!*
*BNEDMIN ĠODDA!*



*"Inżgħu l-bniedem il-qadim*
*imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri*
*qarrieqa... u ilbsu l-bniedem*
*il-ġdid, maħluq skond Alla*
*fil-ġustizzja u l-qdusija...*
*(Efesin 4, 22-24.)*

**KIF INSIRU BNEDMIN ĠODDA?**
Nilbsu lil Kristu (Gal 3, 27.)
jiġifieri naħsbuha kif jaħsibha Kristu.
Fil-prattika dan ifisser;-
- Inħossu li aħna ulied Alla.
- Inkunu sinċieri.
- Ikollna mħabba bejn l-aħwa.
- Immutu għad-dnub.

U ngħixu ħajja għal Alla.
(*Mill-ktieb "We wish to see Jesus". Tal- Kard. Pironia*)

## KIF INSIRU KOMUNITA` ĠDIDA?

Dan ifisser fil-prattika li nkunu:
- Komunita` aktar awtentika.
- Komunita` aktar iddedikata għall-ħtiġijiet tal-Knisja.
- Komunita` aktar sensibbli għall- bżonnijiet tal-proxxmu batut.
- Komunita` li titlob aktar.
- Komunita` aktar fraterna li fiha tinħass dik in-nota evanġelika "inkunu qalb waħda u ruħ waħda" (Atti 4. 32.)
- Komunita` aktar sempliċi u ferrieħa.
- Komunita` aktar missjunarja u impenjata fl-apostolat.

(*Kard. Pironia "Guidato Dallo Spirito Di Dio", Edizioni Ancora*)



# It-Tlitt Noti Ferrieħa ta' l-Għid

## TAMA

•"Jekk intom irxoxtajtu ma' Kristu fittxu l-ħwejjeġ tas-Sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla.
•Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-Sema, mhux f'dawk ta' l-art"
(S. Pawl lill-Kolossin 3, 1-3.)

## IMĦABBA

*• Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umilta`, ħlewwa u sabar.*
*• Stabru b'xulxin u jekk xi ħadd ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor AĦFRU LIL XULXIN ...*
*(Kol. 3, 12-13.)*

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

## X'inhi l-"Hallelujah"

***Hi***
***l-Għanja***
***tar-Rebħa***
***u tal-Ferħ!***

***Il-Misteru ta'***
***l-Għid hu***
***il-Misteru***
***l-Aktar***
***Importanti. Nifirħu!***

***Hu ċ-Ċentru***
***tal-Ħajja***
***Sopranaturali. Nifirħu!***

***L-"Hallelujah"***
***tfisser***
***"Faħħru lil Alla".***
***Għalhekk***
***aħna għandna***
***nkunu bnedmin tal-***
***"Hallelujah"***
***(Hallelujah People)***
***minn rasna***
***sa riġlejna...***
***Jiġifieri***
***Adoraturi***
***mħeġġin***
***ta' Alla***
***tagħna...***






**"Hallelujah! Faħħru lil Alla u roddulu ħajr! Infaħħruħ, Inberkuħ, Nadurawħ, Nagħtuh Ġieħ."**
***(Pere Lambert Beauduin, patri belġjan, animatur tal-moviment ekumeniku, miet fl-1960. Mill-ktieb "Meditazione per l'Anno Liturgico")***

## FERĦ

- *Ħallu s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom!*
- *U ta' dan roddu ħajr lil Alla ... B'SALMI U INNIJIET U B'GĦANA SPIRITWALI...*
- *Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesu`, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu...*

*(Kol. 3, 15-17.)*



BOOKMARK

# *"Kelma Tajba għal Kuljum"*

***Il-Moviment Missjunarju "Ġesu` fil-Proxxmu" li għandu ċ-ċentru tiegħu f'Nru. 103, Triq il-Karita`, Victoria, għadu kemm ippubblika dan il-ktieb ġdid. Kif taraw, ismu miegħu, pubblikazzjoni li tiġbor fiha 365 ħsieb meħudin minn paġna 3 tal-ġurnal kattoliku "Leħen is-Sewwa". Jinbiegħ Lm 1.50ċ. Qliegħ għall-missjoni.***




*Dan il-ktieb ġdid, "Kelma Tajba għal Kuljum" imiss topics varji, attwali, reliġjużi u soċjali. Nagħtihulkom bi ktieb li jgħodd għal kulħadd, jifhmu kulħadd u bla dubju, jiswa għal kulħadd. Huwa xhieda ta' ħajja tassew nisranija.*

*"Kelma Tajba għal Kuljum" fih sensiela ta' "vitamini" għall-moħħ u l-qalb tal-qarrejja. Kif jistqarr Dun Ġorġ Grima fil-kelmtejn li għamel għad-daħla tal-ktieb, dan ir-raba' volum t'Attwalita` għandu l-iskop li juri kemm tiswa kelma, żgħira kemm hi żgħira, qalha min qalha. F'dan il-ktieb naqraw kelmiet u ħsibijiet ta' nies li għamlu l-ġid b'dak li qalu matul ħajjithom.*

*Il-kelma hija bħal xarba, jew ħelwa jew morra. Il-kelma hija ħajja jew mewt għal ħafna. Kelma tajba fil-mument opportun tista' tagħti futur aħjar , waqt li kelma iebsa li titlissen fir-rabja tista' teqred il-ġejjieni ta' bniedem, u l-fiduċja fih innifsu.*

*Kelma tajba tista' tqanqallek tbissima. Kelma tajba tista' tbiddlek mil-lejl għan-nhar, tista tinkoraġġik ħafna, tista tgħallmek u tiftaħlek għajnejk. X'ġid nistgħu nagħmlu b'kelma tajba!*

*Għall-kuntarju, għeżież qarrejja, ibżgħu minn kelma mhix f'postha għax tweġġa' ħafna; warrbuha kelma goffa għax min semagħha forsi ma jinsieha qatt. Kelma bla mħabba taf tgerrex u tbiegħed minnek lil dak li jkun miegħek; kelma bla karita` tista' teqred persuna darba għal dejjem. Mhux li kliemna jkun dejjem meqjus!*

*Dan kollu u iktar issibuh f'dan il-ktieb ġdid "Kelma Tajba għal Kuljum", li nemmen li għandu jsib postu f'kull dar, l-ewwelnett għax irħis ħafna billi ssussidjat mill-Moviment Missjunarju "Ġesu` fil-Proxxmu" u t-tieni għax kif qalli l-ħabib tiegħi l-Arċipriet tax-Xewkija kelma tajba tqanqlek, tħeġġek, tbiddlek, tinkuraġġik, tgħallmek u tiftaħlek għajnejk. Ktieb mitqlu deheb!*

*Din il-pubblikazzjoni ġiet issettjata għand Setright ta' Ħaż-Żabbar u mitbugħa tassew b'mod pulit għand Colour Print ta' l-Imġarr, Malta. Fih 240 paġna u jinsab għall-bejgħ mingħand id-distributuri, Moviment Missjunarju Ġesu` fil-Proxxmu, 103, Triq il-Karita`, Victoria, Tel: 2156 6453 jew mingħand il-Lumen Christi Media Centre ta' Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Tel: 2156 0496. Tibqax mingħajr kopja!*

***Kav. Jos. M. Attard.***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO, MALTA
TEL : (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX : (356) 2156 0133
e-mail : tokk@johnportelli.travel.com.mt

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA
TEL : (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX : (356) 2124 7536
e-mail : sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -114



Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2003

# PERMESS GĦALL-FTUĦ TA' BIEB

Id-dokument numru mija u erbatax li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' permess mogħti fit-28 ta' April, 1703, tliet mit sena ilu. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1702–1703), folju 53v (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 53v).

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni tal-permess:

***Jesus. Commisiamo licentia a' Giuseppe Galea del quondam Francesco di poter fare in sua casa posta nel Borgo di questo Castello una porta per la parte della strada publica che deve essere alta palmi sei e mezzo e larga palmi quattro mentre nell'accesso da noi fatto nel loco osservassimo che non porta pregiudizio alcuno alli vicini; onde...***

Fl-isem ta' Ġesù – b'dawn il-kelmiet jibda' l-permess. Jidher li dak iż-żmien bdiet dieħla d-drawwa, li sa dak iż-żmien ftit sibtha, li jibdew tranżazzjoni billi jsejħu l-isem ta' Ġesù. Din tixbaħ lill-offerta lil Alla li jagħmlu fil-bidu tal-jum l-imsieħba fl-għaqda msejħa l-Appostolat tat-Talb.

Ġużepp Galea bin Franġisk talab permess lill-Università ħalli jiftaħ bieb ieħor fid-dar tiegħu, ir-Rabat. Turija din li l-amministrazzjoni ta' żmien il-Kavallieri kienet iżomm ċertu kontroll fuq il-bini.

Ta' interess f'dan id-dokument hu li jingħad li Galea kien joqgħod fil-Borgo di questo Castello, jiġifieri fil-Birgu tal-Kastell, b'riferenza għar-Rabat. Il-kelma rabat mill-Għarbi tfisser proprju subborg. Il-fatt li r-Rabat, Għawdex, issejjaħ subborg juri kemm hu qadim. Issejjaħ hekk meta l-lingwa Maltija kienet għadha tifforma ruħha mill-Għarbi. Nafu li l-Għarab Aglabiti ġew Malta u Għawdex minn Palermo lejn is-sena 1045. Kien minn dak iż-żmien li bdiet titnissel il-lingwa Maltija.

Biż-żmien, il-Kastell imtela' bin-nies u ma kienx baqa' fejn joqogħdu iktar. Beda għalhekk tiela' l-bini 'l barra mill-Kastell, u tnissel ir-Rabat. Meta wara l-1127, għaddejna taħt ir-renju ta' Sqallija, il-Għarbi beda jkun influwenzat mil-Latin u t-Taljan u żvilluppat il-lingwa Maltija. Rabat beda jingħad borgo mit-Taljan, kelma li tfisser preċiżament l-istess, subborg. Bil-Malti saret birgu, u għalhekk għandna l-Birgu, Malta, li hu s-subborg tal-Kastell Sant'Anġlu. Dan ifisser li dan beda jinbena wara r-Rabat, Għawdex. Għalkemm f'dan id-dokument ir-Rabat jissejjaħ Borgo, b'B kapitali, ma jidhirx li dan l-isem qatt qabad l-art għar-Rabat, Għawdex.

Intant, qabel ma Ġużepp Galea ingħata l-permess jiftaħ il-bieb tiegħu, delegazzjoni ta' erba' min-nies marret teżamina l-post fejn kien se jinfetaħ il-bieb. Raw li dan il-bieb ma kien ta' ebda inkonvenjent għall-ġirien. Il-permess mitlub kien għalhekk mogħti u ffirmat mill-erba' ġurati hekk: GioMaria Cumbo, L. Grech, Bonici, u Zammit.

Iddettawlu wkoll kemm kellu jkun il-bieb: sitt palmi u nofs għoli, u erba' palmi wiesa'; jiġifieri sitt ixbar u nofs b'erbat ixbar; li jiġi 1.69 metri għoli u 1.04 metri wiesa'.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (16)



# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 6. L-ANĠLI

L-anġli huma spirti puri, jiġifieri huma realta` spiritwali, mingħajr ebda taħlit ta' elementi materjali, huma l-aqwa ħolqien li għamel Alla, u iktar perfetti mill-bnedmin. Anki l-anġli huma xbieha ta' Alla u bħalu, huma mingħajr ġisem, cioe` mingħajr il-libsa jew it-toqol tal-materja jew tal-organiżmu li nġorru aħna l-bnedmin.

Huma mżejnin bl-intelliġenza li hija ogħla minn dik tal-umanita` u tixbaħ l-intelliġenza ta' Alla nnifsu. L-anġli jifhmu l-verita` mingħajr diffikulta` jew tbatija. Għandhom ukoll ir-rieda libera tagħhom u jħaddmuha jew jużawha biex iħobbu dak li huwa tajjeb (ara Salm 103, 20).

Huma jagħmlu dak li jagħmel Alla nnifsu, iżda mhux kollox, għaliex waqt li Alla huwa omnipotenti, l-qawwa u s-setgħa tal-anġli hija limitata, ftit jew wisq, bħal ta' kull kreatura oħra. Anki l-anġli huma ħolqien ta' Alla u jiddependu minnu. Alla ħalaqhom mix-xejn, iżommhom fl-eżistenza, u jgħinhom biex jistgħu jwettqu kull għemil tagħhom (ara Lhud 1,14).

Alla ħalaq l-anġli, mhux għaliex kien jeħtieġ lil xi ħadd barra minnu nnifsu, iżda bħala effett ta' l-imħabba eterna tiegħu, ħalaqhom għaliex ħabbhom sa minn qabel kienu jeżistu u ried li huma jeżistu biex jkunu ħenjin miegħu għal dejjem.

Lill-anġli wkoll, Alla tagħhom sehem minn natura tiegħu ta' Alla kif ta lill-Adam u lill-Eva, sakemm dawn waqgħu fid-dnub, jiġifieri lill-anġli wkoll Alla għollihom għall-istat sopranaturali, jew għall- ħajja tal-grazzja (ara Dan. 10, 9-12).



*Raffaello - Angeli (particolare)*

Lilhom ukoll Alla ried li jgħaddu minn prova, biex jara kinux fidili lejh. Xi wħud minnhom ma għaddewx minn din il-prova, b'hekk għamlu dnub u minnufih ġew mitfugħa fit-turmenti tal-kastig ta' dejjem. San Pietru (2 Ittra 11,4) jgħidilna: "Alla ma ħafirhiex lill-anġli li għamlu d-dnub iżda tefagħhom fit-torturi. U fl-Apokalissi (12,7-8): "Ma kienx hemm post iżjed għalihom fil-ġenna." Dawn l-anġli ħżiena kienu hekk kburin, li għażlu li jitilfu l-ħbiberija ma' Alla iktar milli jammettu li kull ma kellhom u kull perfezzjoni tagħhom, kienu ġejjin minnu bħala għotja libera` tiegħu.

L-anġli l-ħżiena ma setgħux jiġu skużati għad-dnub tagħhom, għaliex imżejnin kif kienu b'intelliġenza hekk qawwija kienu jafu u għarfu sewwa x'kienu qegħdin jagħmlu u x'sejrin jitilfu. L-anġli min-natura tagħhom ma jistgħux jibdlu fehmithom kif jagħmel il-bniedem, iżda malli huma ddeċidew li jiksru r-rieda ta' Alla u jiddiżobedixxu, xejn ma seta' jbiddel qatt iktar id-deċiżjoni żbaljata tagħhom. Dan ifisser li huma qatt ma setgħu jindmu mid-dnub tagħhom. Bħala kastig, talli ma obdewhx, Alla ħalaq l-infern għalihom u tefagħhom fih, u minn anġli tad-dawl saru xjaten jew anġli tad-dlamijiet; huma jobgħodu 'l Alla u dak kollu li jħobb Alla, u għalhekk jobgħodu anki l-bniedem. Huma ġew ikkundannati għal dejjem għat-tbatijiet ta' l-infern, dak l-istat ta' miżerji l-iktar orribbli.

L-anġli t-tajbin li għaddew mill-prova kellhom bħala mexxej tagħhom lil San Mikiel Arkanġlu, li kif naqraw fl-Apokalissi qanqal gwerra fil-ġenna kontra Luċiferu u l-anġli l-ħżiena li żammew miegħu: "imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-Anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-Anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħelbu" (12,7). Il-għadd ta' l-anġli li baqgħu fidili lejn Alla kien kbir ħafna, hekk li Kristu nnifsu jitkellem dwar leġjuni ta' anġli (Matt.26,53) u Danjel jgħidilna: "eluf ta'eluf kienu jaqduh, u għaxart elef ta' għaxriet ta' eluf wieqfa quddiemu" (7,10).



***Guido Reni** - San Michele*



***Andrea del Sarto** - Due putti con cartiglio, particolare*



***Banozzo Gazzoli** - Corte dei Magi, particolare*

L-anġli li baqgħu fidili lejn Alla u ħbieb tiegħu, igawduh għal dejjem fis-Sema, jaqdu lilu u l-qaddisin tiegħu, b'imħabba u bil-ħeffa. Skond ċerti teoloġi, lill-anġli t-tajbin Alla ikkonfermahom fil-grazzja, jiġifieri ried li mill-mument tar-rebħa tagħhom, jibqgħu għal dejjem fl-impossibilita` li jagħmlu d-dnub.

## *L-Anġli fil-ħajja ta' Kristu, tal-Knisja u tan-nisrani*

L-Iskrittura Mqaddsa dwar l-anġli, l-ħolqien tagħhom, il-prova li saritilhom u f'hiex din kienet tikkonsisti, tgħidilna ħafna u ħafna inqas milli tgħidilna fuq il-ħolqien ta' l-ewwel bnedmin u x-xorti li missithom. Iżda ma hix nieqsa xhieda dwar l-anġli wkoll. Minn dak li nitgħallmu fil-Bibbja nistgħu niġbdu dawn il-konklużjonijiet dwar l-anġli t-tajbin u l-anġli l-ħżiena.

L-Evanġelju jagħtina xhieda dwar l-eżistenza u l-ħidma tal-anġli, peress li kellhom sehem siewi fil-ħajja ta' Kristu. Kif jgħidilna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n. 333) "mill-inkarnazzjoni sat-tlugħ fis-sema, l-ħajja tal-Verb magħmul bniedem hija mdawra bl-adorazzjoni u l-qadi ta' l-anġli. Alla "huwa u jdaħħal 'l Ibnu l-Kbir fid-dinja, jgħid: "Ha jqimuħ l-anġli kollha ta' Alla" (Lhud 1,6).

Kif jingħad ta' spiss fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, s-servizz tal-anġli huwa għajnuna kbira għall-Knisja fil-ħajja tagħha ta' kuljum. Lill-Appostli mitfugħin fil-ħabs mis-Sinedriju "l-Anġlu tal-Mulej bil-lejl fetħilhom il-bieb tal-ħabs u ħariġhom"(Atti 5,19); "Kellem Anġlu tal-Mulej lill-Filippu u qallu: itlaq u mur lejn nofs-in-nhar, fit-triq li tinżel minn Ġerusalemm għal Gaża" (Atti 8,26 Ara wkoll, Atti 1,3-8; 12,6-11; 27,23-25). L-anġli mhux biss jitolbu għall-Knisja iżda wkoll iressqu t-talb tagħha quddiem Alla. Skond Sant'Efrem, l-anġli jdaħħlu fil-ġenna l-erwieħ tal-ġusti li jħallu din id-dinja. Fit-talb liturġiku tagħha, il-Knisja ta' spiss issejjaħ l-għajnuna tal-anġli u tissieħeb magħhom biex tfaħħar u trodd ħajr lil Alla.

Kif il-bniedem matul ħajtu jħoss, bħal Kristu fid-deżert, il-qawwa tat-tiġrib u tat-tentazzjoni ta' l-anġli l-ħżiena, hekk ukoll huwa jgawdi l-protezzjoni ta' l-anġli, ħbieb ta' Alla. Sant' Wistin jgħid li l-anġli jinteressaw ruħhom fina, u jgħinuna biex niksbu s-salvazzjoni. Din il-protezzjoni ta' l-anġli tingħata sewwa fl-ewwel żmien tal-ħajja umana: "Araw li ma tmaqdrux wieħed minn dawn iż-żgħar għax ngħidilkom li l-anġli tagħhom fis-sema dejjem jaraw wiċċ Missieri li huwa fis-smewwiet"(Mt. 18,10); kif ukoll fi tmiemha: "Mela miet il-fqir u kien meħud mill-anġli fi ħdan Abraham" (Lq. 16,22). Il-Knisja tridna nuru rispett u ubbidjenza lejn l-anġlu kustodju tagħna; għaliex kif jgħallimna San Bażilju, mit-tradizzjoni tal-Knisja Griega u Latina, "kull nisrani għandu ħdejħ anġlu bħala protettur u ragħaj tiegħu, ħa jwasslu għall-ħajja."

L-anġli li jkunu jwettqu xi missjoni tagħhom fid-dinja, xorta waħda jkunu jgawdu l-viżjoni beatifika, jiġifieri, jkunu jaraw u jħobbu lil Alla, bħall- bqija ta' l-anġli li hemm fis-Sema.

Jixraq li nuru qimitna lejn l-anġli peress li huma ħbieb ta' Alla, u difensuri tagħna; b'mod partikolari, dan ir-rispett għandna nuruh lill-Anġlu Kustodju tagħna, waqt li nitolbu kuljum il-protezzjoni tiegħu.




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħmistax-il Parti )*

## *It-Trobbija tal-Bhejjem*

Dari t-trobbija tal-bhejjem kienet aktar primittiva millum, imma aktar naturali. Il-bhejjem, kif diġa' rajna fuq, kienu jitrabbew fl-imqawel (imqajel) differenti, li kien ikollhom **il-maxtura** jew **l-imxatar** fejn il-bidwi jitfa' l-għalf. Kien ikun hemm ukoll il-ħawt tal-ġebel fejn il-bidwi jisqi l-bhejjem tiegħu. Malmaqjel ġie li kien ikun hemm xi bitħa jew mandra fejn il-bhejjem ikunu jistgħu joħorġu. It-tjur, l-aktar it-tiġieġ, kienu jitrabbew fil-mandra jew f'xi bitħa kbira. Il-kamra fejn jidħlu kienet tissejjaħ **gallinar**. Għall-fniek il-bidwi kien ikollu kmamar apposta jew xi **raff**, inkella anki fuq xi bejt basta jkun hemm imqar kaxxa fejn jidħlu. Għall-ħamiem kien ikollu l-**gor** jew **važi mħaffrin** u mtaqqbin mal-ħajt tar-razzett, inkella xi **barumbara** għal iżjed kumdita` u għadd dejjem ikbar ta' pari ta' ħamiem.

Il-**għalf**, jew l-ikel ta' l-annimali, kien ikun kollu naturali. Ma kienx jeżisti **għalf bilanċjat**; iżda **magħlef** li kien jiġbor mir-raba' bħal ngħidu aħna weraq ta' d'Indija jew minn dak li jiġi minn barra. Għalhekk, il-prodotti kien ikollhom togħma aktar tajba. Il-bidwi kien **ilaqqat il-ħaxix** mir-raba' għall-bhejjem tiegħu, kemm ħaxix selvaġġ, kif ukoll silla u nibbiet taż-żara' li jikber waħdu. Kien jiżra' wkoll uċuħ għall-aħdar bħall-furrajna u l-kċuċ, kif ukoll uċuħ għan-niexef bħal ġulbiena, żofżfa, ċikkarda, qamħ ir-rum, qaraboċċ, silla, u hekk. Il-weraq tal-bajtar, minbarra li jkennen ir-raba' mill-irjieħ, kien jitqatta' bħala għalf għall-bhejjem. Xi bhejjem kienu jagħżlulhom ċertu ħaxix bħala li hu tajjeb għalihom. Per eżempju, il-leblieba kienu jlaqqtuha għall-fniek, il-garni għall-ħnieżer, il-ġandar għall-mogħoż, il-ħafur għan-ngħaġ. Wara li **jsewwi l-pastard**, jiġifieri wara li jneħħilu l-weraq żejjed li jkollu, dan il-weraq jagħtih lill-bhejjem. Il-bidwi kien ikollu wkoll it-tiben, is-silla moxxa, silla ħadra u silla niexfa, u l-faxxina ta' diversi prodotti (għalkemm mhux ta' kollox), li kien jagħlifha 'l-bhejjem tiegħu. Fejn ma jwassalx bil-prodotti tiegħu l-bidwi kien jixtri l-ġwież: ċiċri, qaraboċċ qamħ ir-rum (imfesdaq u lest), ful ta' ġirba li kien jintaħan hawn Għawdex, ħarrub imqatta' u lest, pressat jiġifieri żerriegħa tal-qoton ippressata biex minnha jieħdu ż-żejt, smida, qxura, granza, u farru (qamħ u xgħir imgħaffeġ), li kien isir kollox hawn Għawdex, inkella jinġieb minn Malta.

It-tiben u l-ħuxlief kienu jużawh ukoll bħala frix għal taħt saqajn il-bhejjem ħalli jżommu dejjem fin-niexef. Kuntrarjament għas-sistemi moderni fejn il-bhejjem wieħed irid inaddfilhom kull jum, dari l-bdiewa kienu jifirxulhom, hekk li dak ta' taħt saqajn il-bhejjem isir demel u jibqa' dejjem jinġabar u jogħla. Imbagħad kienu jħammlu d-demel (f'Għawdex imsejjaħ demen) għall-ħabta tax-xahar ta' Ottubru, meta jsir ukoll il-ħart tar-raba'.

Xi bhejjem, l-aktar ngħaġ u mogħoż, kienu joħorġuhom jirgħaw fir-raba', fil-moxa, fix-xagħri, u fil-widien. Iżda xi drabi anki żwiemel, ħmir, bgħula gniedes, ħnieżer u annimali oħra kienu joħorġuhom jirgħaw, u kienu jgħaddu bihom mit-toroq. Illum, minħabba t-traffiku, dan m'għadux jista' jsir. Xi nies saħansitra kien ikollhom it-tiġieġ u l-papri jiġru fit-toroq. Fejn ikun hemm il-papri, imbagħad, kont dejjem tara ħawt kbir mimli bl-ilma billi dawn it-tjur iħobbu jgħumu fl-ilma.

## *Dwar it-trobbija tal-bhejjem*

Dwar it-trobbija tal-bhejjem, l-aħjar ħaġa li wieħed jista' jkollu hi l-**bhima tar-refgħa** jew **tal-għalla**, jiġifieri dik il-bhima raġel jew mara li wieħed ikun irid inissel minnha. Għalhekk il-qawl igħarrafna, "***Il-bhima tar-refgħa hija nofs il-merħla.***"

Wara r-razza jiġi l-ikel. Importanti li l-bhejjem ikunu jieklu u wieħed għandu jara kif jagħmel biex ma jħallihomx neqsin mill-ikel. Araw dan il-qawl, "***Il-fart meżmieżi aqtgħu, inkella jaqtgħek***". Fart meżmieżi jfisser għoġol, gendus jew baqra li ma jħobbux jieklu. Annimal bħal dan aħjar teħles minnu,

inkella se jkun ifisser għalik telf kbir. Dwar annimali bħal dawn, dari l-biċċiera biċ-ċajt kienu jgħidulhom "*tal-maxtura mitquba*", jiġifieri ma kinux jieklu ħafna. Espressjonijiet oħra kienu "*għadma u ġilda*", meta jkun magħlub ħafna u "*mxaħħam*" meta jkun smin, għax il-biċċier dejjem jara kif jitkellem u jmaqdar biex jixtri bl-irħas prezz.
Mhux hekk annimal wikkiel. Dan ifisser ġid, xogħol u qligħ tajjeb. Araw kemm hu minnu dan. "***Il-fart li jiekol il-widna jagħmel il-laħam bil-wiżna***". Hekk ukoll "***Meta l-fart jiekol ix-xniel u n-nifel, il-moħriet erħilu jindifen.***" Ix-xniel (Malta aktarx igħidu xnien) u n-nifel huma ħxejjex selvaġġi tar-razza tas-silla, tajbin ħafna għall-bhejjem.
Hekk ukoll il-bhejjem li nżommuhom għat-tiġrijiet. Dan hu li jgħid il-qawl dwar bhejjem bħal dawn, "***Il-bhima biex tiflaħ tiġri trid tkun qiegħda għall-mergħa u għall-moxx.***"
Dwar il-bhejjem tax-xogħol għandna dan il-qawl, "***ħrit il-ħmar ma jagħtix sandar, ħrit il-baqar jimla l-andar***". Dan ifisser li meta x-xogħol isir minn bhima li tiflaħ ħafna, il-wiċċ ikun aktar għammiel u wieħed jieħu prodotti u għelejjel aqwa.
Għal xi raġuni gendus li jkollu rasu sewda, jikber sewwa u minnu l-bidwi jara l-flus. Iflu sewwa dan il-qawl, "***Gendus rasu sewda żomm miegħu.***" Il-bhima li tilħaq għall-bejgħ lill-biċċier trid tbigħha għax inkella tkunlek ta' piż għalxejn, "***Il-fart li simen jew bigħu jew oqtlu***".
Għal dawk li jrabbu t-tjur għandna dan il-qawl, "***Il-fellus li jonqob qabel iż-żmien ħajtu ma fihiex tmiem***". Dan ifisser li fellus li jofqos qabel żmienu aktarx imut malajr u ma jkunx b'saħħtu.
Iżda anki meta l-flieles jirnexxu, xorta il-bidwi jrid jagħmel l-ispejjeż għall-ġwież tagħhom, sew jekk dan il-ġwież jixtrih, kif ukoll jekk ikun minn dak li jkabbar fir-raba'. Araw xi jgħid il-qawl, "***Biex trabbi l-flieles trid it-tlieles***"; tlieles hi plural ta' telliesa, li tfisser xkora li timtela bil-ġwież jew bit-tgħam. Dan il-qawl li ġej hu xi ftit stramb, "***Riżq fil-ħamiem, bini bla tmiem***". Il-qawl irid ifisser li meta wieħed ikollu r-riżq fit-trobbija tal-ħamiem, wieħed ikun jista' jixtri ħafna proprjeta` u jkollu mit ġid. Jista' jkun li hemm xi ħrafa jew superstizzjoni moħbija wara dan il-qawl.
Ngħaddu issa biex nitkellmu mill-qwiel dwar in-ngħaġ u l-mogħoż. Il-qawl igħid, "***Alla ta l-baħar u ta l-imrieħel***". F'dan il-qawl jista' jkollna xi logħob bil-kliem għax ir-ragħwa li naraw fil-baħar meta jkun





il-maltemp tissejjaħ *"ngħaġ"* jew *"ħrief"*. Imma fil-fatt il-ħolqien hu kollu ġej minn Alla.

In-ngħaġ u l-mogħoż ikunu fl-aqwa tagħhom meta jirgħaw. Għall-mogħża ngħidu, ***"Fejn tqarram mogħża, jisħet."*** **Tqarram** hija l-kelma Għawdxija flok **tgerrem**. Il-mogħża tant tgerrem tajjeb il-ħaxix li diffiċli li jerġa' jikber. Barra minn dan, il-mogħża hija ta' sikwit assoċjata mas-saħta, u saħansitra l-ħalib tagħha ħafif u nofsu ilma. Dwar dan hemm ukoll din il-ħrafa: Mela, meta r-rgħajja ta' Betlehem resqu lejn il-Għar biex imorru jagħtu qima lil Ġesu' tarbija, ħadu magħhom xi ħrief, u xi ngħaġ u mogħoż marru warajhom. Issa fil-għar il-baqra u l-ħmara kienu qegħdin isaħħnu bi mnifsejhom it-tarbija Ġesu' li kien rieqed. Mela, meta r-rgħajja daħlu fil-għar, in-ngħaġ u l-bhejjem l-oħra qagħdu kwieti, iżda l-mogħża bdiet tgħajjat, hekk li tat qatgħa lil Ġesu' u qajmitu mir-raqda. Jingħad li Ġesu' ried jikkastigaha talli għamlet hekk. Għalhekk tkellem u qalilha, ***"Inti misħuta u nofs ħalibek ikun misħut."*** Għalhekk, il-mogħża ma jagħmluhiex fil-presepju, u l-ħalib tagħha ħafif u nofsu ilma.

Qawl ieħor dwar il-mogħoż igħidilna, ***"Marqad il-mogħoż ma tiħux sbul, marqad il-baqar jagħmel is-sbul."*** Dan ifisser li l-mogħża tiekol kollox minn quddiemha u wieħed ma għandux jistenna li jsib is-sbul hemmhekk, iżda marqad il-baqar, li wara jsir demel, dan jiffertilizza tajjeb ir-raba' u jagħmel ħafna żara', u għalhekk il-bidwi jieħu ħafna sbul.

Dari n-ngħaġ ukoll kienu joħorġuhom biex jirgħawhom bħalma kienu jirgħaw il-mogħoż. Imma bħalma jafu r-raħħala u r-ragħajja kollha, biex l-annimali jieklu u jimtlew jeħtieġ li jduru u jlaqqtu kemm jistgħu. Xi drabi kien ikun hemm xi nagħġa għażżiena li tinxteħet taħt ħajt u ma titħarrikx. Din ma tirgħax sewwa. U hekk igħidilna l-qawl, ***"Nagħġa li ma ddurx, ma tirgħax."*** Nagħġa li jkollha l-frieħ fiha mit ġid, ***"Nagħġa biż-żgħar, naddaf it-turtiera."*** Dan hu hekk għax nagħġa bil-frieħ tagħtina l-ħalib, u bil-ħalib il-bidwi jagħmel il-ġbejniet, u mbagħad bil-ġbejniet jagħmel it-torti, il-pastizzi, il-qassatat, kollha mimiljin bil-ħaxu tal-ġbejniet, imħawwar tajjeb kif kienu jafu jagħmluh niesna ta' dari.

Hawn tajjeb ngħidu wkoll li dari meta jirgħu kienu jfittxu l-aħjar postijiet, kemm jekk ikunu fil-moxa u fil-widien, kif ukoll fir-raba' għax qawl ieħor iwissi, ***"Ir-ragħa fil-ġbis ma jsemminx."*** Il-ġbis huwa dak



li jibqa' wara li jkunu ħasdu l-wiċċ, jiġifieri l-aħħar biċċa ftit 'il fuq mill-għeruq.

Aħna diġa` għidna li l-annimali jnisslu l-frieħ tagħhom meta jkunu bil-ħorma. Meta mbagħad iferrgħu, iż-żmien tal-ħorma jkun għadda. Araw xi jgħid il-qawl dwar din il-ħaġa, ***"Nagħġa wara l-Għid jekk tara l-muntun taqbeż il-ħajt."*** Dan ifisser li wara l-Għid in-nagħġa ma tkunx lesta biex titgħammar iżjed (għax tkun bla ħorma), u allura, fejn tara r-raġel, taħrab minnu. Ninnutaw f'dan il-qawl li l-kelma ***"Għid"*** trid titlissen la raħlija biex taqbel ma' ħajt.

HILITE
HARDWARE STORE
***FRANCO - BELGE***
***FIRE PLACES***
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Da Luigi's**
**Restaurant & Wine Bar**
*For the finest food & best selection of wines*
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457

A Whole New Look
**Sharmain's Styling Salon**
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

**Our Pizza Oven Speaks Italian**



Smuggler's Cave
Bar ♦ Restaurant ♦ Pizzeria
Il-Menqa - Marsalforn
Tel: 21 551005 - 21 551983, Fax 21 559959

**TEKNO ZONE**
T.V.'s, Hi Fi Systems, Satellite Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.

Fortunato Mizzi Street, Victoria Gozo, Malta.
Tel/Fax: 2156 5304 Mobile: 79491809 / 99854176
email: teknozon@maltanet.net



**IL TERRAZZO**
**Bar & Restaurant**
*St. Simon Street, Xlendi, Gozo*
Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 21 550248 Mobile: 99446833

**FUQ L-INTERNET**
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-HAJJA F'GHAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi






# Il-Mużew tal-Knisja l-Qadima tax-Xewkija

Meta ġiet biex tinħatt il-knisja l-qadima tal-parroċċa tax-Xewkija biex tagħmel wisa' għall-knisja l-ġdida li kienet inbniet madwarha, l-awtoritajiet ċivili kienu ħasbu biex mal-permess tal-knisja l-ġdida tiddaħħal klawsola biex tiġi kkonservata l-iskultura kollha tal-knisja l-qadima.

Dan juri kemm hu kbir il-preġju ta' din l-iskultura u x-xewqa għall-konservazzjoni ta' din l-arti. Għalhekk il-parroċċa ħasbet biex tibni mużew biex fih jilqa' l-arti li kienet mogħnija biha l-knisja l-qadima u hekk jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet ta' wara. L-ewwel ġebla ta' dan il-mużew tqiegħdet u tbierket nhar id-29 ta' Awissu 1972 mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi. Bħala tifkira ta' dan l-avveniment tpoġġew taħt din il-ġebla l-imfietaħ tal-knisja l-qadima kif ukoll parċmina li tindika dik l-okkażjoni.

Meta wieħed jmur jara r-rotunda bilkemm ikun għadu għalaq ħalqu jfaħħar d-disinn ta' l-arkitett Ġuże` D'Amato u l-bennej flimkien ma' dawk kollha li bil-ħidma tagħhom irnexxielhom jibnu t-tempju majestuż ġdid iddedikat lil San Ġwann l-Għammiedi, li ma jerġax ikun sorpriż bl-arti skolpita fil-ġebla maltija hekk kif jixref fil-mużew tal-knisja l-qadima; Mużew li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-istess knisja qadima imma mċekkna.



Ma ntilef assolutament xejn. Għalhekk insibu l-artali l-qodma fil-prospettivi oriġinali tagħhom b'dak ix-xogħol delikat imnaqqax fl-irtubija tal-ġebla maltija. Il-kwadri fuq l-artali tpoġġew fl-istess armonija. L-istess art li kienet tiksi l-knisja l-qadima, li kienet magħmula minn lapidi tal-irħam, ġiet poġġuta biex tkun il-paviment ta' dal-mużew.

Naturalment l-iktar li jolqot l-għajn hija l-prospettiva tal-artal maġġur li kien isebbaħ il-knisja l-qadima. Miċ-ċentru fejn hemm



il-Ħaruf Bla Tebgħa, ħerġin raġġi ta' dawl li jgħaqduh mal-qtajja ta' l-anġli. Dehra smewwija. Jingħad li dan ix-xogħol ta' tinqix fil-ġebla tal-franka huwa ta' żewġ Sqallin li għal xi raġuni ħarbu minn pajjiżhom. Ix-xorti riedet li niżlu Għawdex u milli jidher baqgħu sejrin ix-Xewkija fejn daħlu fil-maqdes li kien igawdi mill-immunita` ekklesjastika kif kienet l-użanza ta' dak iż-żmien. Baqgħu hemm għall-kenn ta' dan il-privileġġ. Biex ipattu għall-kenn li kienu qed jingħataw użaw l-abilta` li kellhom fit-tinqix, u ħolqu dik is-sbuħija mill-ġebla maltija. L-istess artal huwa xogħol sabiħ maħdum bħal biċċa bizzilla.





Ta' interess hija l-istorja madwar il-kwadru titulari. Jingħad li fis-sena 1680 l-isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons Michele Molina ried jagħti rigal lill- parroċċa li kienet għada kif twaqqfet (27 ta' Novembru 1678). Dan għalhekk ikkummissjona pittura ta' San Ġwann l-Għammiedi lill-famuż Mattia Preti, u li tpoġġiet fuq l-artal fl-istess sena. Iżda ġara li sentejn wara, fl-1682 dan l-isqof kien imsejjaħ biex ikompli jaqdi l-episkopat tiegħu f'Larida ġewwa l-Katalunja. Ħaġa tal-għaġeb dan l-isqof irtira r-rigal li kien irregala lil din il-parroċċa u ħadu miegħu, u floku ordna kwadru ieħor bl-istess suġġett imma għand pittur ieħor, li kien Gioacchino Loretta (1637-1712).



Fuq il-ġnub ta' dan l-artal insibu żewġ kwadri iżgħar, li aktarx ħarġu mill-pinzell ta' l-artist Malti Franġisku Zahra. Dawn juru Iż-żjara tal-Madonna li għamlet lil Santa Elizabetta u it-twelid ta' San Ġwann.

Insibu xogħol ieħor ta' Zahra f'dan il-mużew, rappreżentat fil-kwadru Tar-Rużarju. Dan huwa wieħed mill-aħjar kwadri li ħareġ mill-idejn abbli ta' l-artist Malti. Il-kwadru juri lil Marija Santissma biċ-ċkejken Ġesu` fuq ħoġorha. L-Omm Imqaddsa tnewwel il-kuruna tar-Rużarju lil San Duminku, waqt li t-tfajjel Ġesu` b'imħabba tas-Sema qiegħed joffri warda lil Santa Katerina. Fin-naħa ta' fuq ta' l-istess pittura hemm kwadretti li juru l-misterji tar-Rużarju miżmuma minn numru ta' anġli.

Fuq artal ieħor, barra li fih perspettiva oħra mill-isbaħ, hemm kwadru ieħor magħruf tradizzjonalment bħala Ta' l-Erwieħ u bħal dejjem fih insibu l-Għażiża Ommna tas-Sema li qed tidħol għall-Erwieħ Mqaddsa tal-Purgatorju quddiem it-Trinita`. Fil-kwadru jidħol ukoll San Girgor. Insibu aktar kwadri bħal dawk attribwiti lil Rokku Buhagiar (1725-1805) li huma l-kopja tal-Caravaggio, dik ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann kif ukoll it-Twelid ta' San Ġwann.



Insibu wkoll niċeċ bi statwi ta' qaddisin, missali, kotba u ħwejjeġ oħra li kienu jintużaw fil-knisja l-antika. L-iskultur Malti Marjanu Gerada huwa rappreżentat hawnhekk b'biċċa xogħol fl-injam, skultura ta' l- *Ecce Homo*.

Huwa ta' sodisfazzjon kbir li wieħed iżur dan il-mużew u r-rotunda fl-istess ħin, għax f'post wieħed jista' jara kemm ix-xogħol li kien isir mill-artisti tal-passat kif ukoll minn dawk ta' żminijietna.

*Riferenzi:*

*Bonnici Alexander - Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi t'Għawdex (1975)*

*Borg Serafin - Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċiprieti Tagħha.(1982)*

*Buhagiar Mario - Paintings in Gozo: A concise analytical history. GOZO: The Roots of an Island (1990).*

*Zammit J.Vincent - Il-Mużewijiet f'Malta (2002).*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Fra Baskal (1869-1937) 4. Jgħaddi Ħajtu fil-Kunvent tal-Madonna tal-Grazzja, Jgħix ir-Regola Franġiskana


Is-siġra ta' Fra Baskal

**jikteb Angelo Xuereb**

Fra Baskal għex kważi l-ħajja reliġjuża kollha kemm hija fil-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja f'Victoria Għawdex.

Wara li għamel l-wegħdiet temporanji, bħal kull reliġjuż ieħor ġie mibgħut f'dan il-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja bħala sagristan u infermier. Il-kamra tiegħu kienet dik immarkata bin-numru 24 u fuq il-bieb kien hemm kitba bil-Latin meħuda mill-Ktieb tal-Proverbji 17, 22 li bil-Malti tfisser dan: "Qalb ferħana tagħti s-saħħa, ruħ imnikkta tmewwet il-ġisem".

Ta' min jinnota li darba Fra Baskal ħawwel siġra tal-larinġ fil-kjostru, li kibret malajr u għadha tagħmel frott bil-bosta sal-ġurnata tal-lum. Jissemmew anki xi grazzji li nqalgħu meta xi morda xorbu larinġ magħsur minn din is-siġra.

Bejn is-snin 1921 u 1924 Fra Baskal ħassu ma jiflaħx u l-Provinċjal biex iserrħu ftit bagħtu fil-Kunvent tal-Floriana. Xogħlu kien li jieħu ħsieb il-kappella ġdida tal-Madonna ta' Lourdes ħdejn il-kunvent. Wara deher aħjar f'saħħtu u reġa ġie mibgħut Għawdex.

Fra Baskal kien dejjem mehdi f'xogħlu li kien jagħmlu bir-reqqa u bl-ubbidjenza. Fost ix-xogħlijiet li kellu kien ta' ċirkatur u sagristan. Ċirkatur ifisser li kien joħrog jiġbor il-karita` bieb bieb biex il-patrijiet u l-ajkijiet ikunu jistgħu jgħixu. Qeda dan ix-xogħol fedelment filwaqt li kien jarah mezz ta' apostolat. Kliemu kien meqjus u kien iħobb jitkellem fuq Alla u fuq il-ħwejjeġ tar-ruħ.

Barra li kien bieżel u ma jibżax mis-sagrifiċċju, kien mogħti lil Alla permezz tat-talb. Anki waqt il-qadi ta' l-uffċċju ta' sagristan, kien iġib quddiem għajnejh il-preżenza ta' Alla u għalhekk kien jagħmel kollox bl-imħabba.

Barra minn hekk huwa kellu għal qalbu il-foqra. Ġie li kien jiċċaħħad minn xi frotta biex jagħtiha karita`. Fihom kien jilmaħ lil Ġesu` u kien jaqdihom bħallikieku kienu minfloku. Mat-tfal u l-fqar kien isib il-hena tiegħu. Patri Anġlu Mizzi jgħidilna: "Huwa kien jgħallem id-duttrina, it-talb tal-Knisja, u kif kif wieħed igħin il-quddiesa lil mijiet ta' tfal u anki lil żgħażagħ li ma jkunu jafu xejn avolja mfarfrin".

Fra Baskal kien ikun dejjem imdawwar b'għadd ta' tfal li kienu jqimuh u jħobbuh tassew. Verament li l-bniedem ta' Alla l-ordinarju jġibu straordinarju. Din hija waħda mis-sigrieti tal-qdusija.






*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 9949 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

*Għawdxin li għadna niftakru - 4* *Minn Pawlu Mizzi*

# PAWLU TAL-LINGI

Fid-djarju tiegħi kont niżżiltu bħala 'il-ġentlom'. Kelma rari u stramba. U forsi għax stramba kienet weħlet f'moħħi u baqgħet.

Niftakar fiha llum, nitbissem. Mhux għax għandha xi tifsira li ddaħkek. Anzi! Hi kelma minn vokabolarju tal-ġentilezza . Bħalha huma 'jekk jogħġbok', 'grazzi', 'bonġornu', 'bonasera' u oħrajn li ma kienx normali tismagħhom fuq it-Tomba fejn trabbejt jien. Lili, dil-kelma kienet daħħlitni f'dinja differenti . Id-dinja tal-kpiepel ta' strizza. Dik tal- programm tal-banda fit-Tokk jew tal-passiġġata ta' nhar ta' Ħadd tul it-Tiġrija.

Kienet esperjenza affaxxinanti u kont inkun nistennih dak il-mument li missieri kien jgħidli: 'Sa noħorġu maz-ziju. Tiġi?' Ħija Toni kien ikun qabli barra. Kien l-ewwel jeħodna San Ġorġ għall-katekiżmu. Ma kienx ikolli sabar nistenna tingħata l-barka. Kif l-Arċipriet Hili kienet jinżel mill-pulptu wara l-prietka, kont inkun fuq ix-xwiek biex noħroġ 'il barra. Missieri, imma, kien isammarni mas-siġġu sakemm jispiċċa l-glorja f'ġieħ San Ġużepp Labrè.

'Hawn kien joqgħod,' kien ifesfisli f'widnejja, 'u trid titlob bil-qalb.'

Imbagħad, kif kien jara liz-ziju Fra Ġorġ jew lil Karmnu ta' Nisju fil-bieb tas-sagristija kien jitlaqni. U flimkien nerħulha lejn it-Tiġrija.

Ma ninsihiex dik il-passiġġata. Kelli bilkemm sitt snin. Ommi kienet tlibbisli libsa sewda tal-bellus fuq qmis bajda bl-għonq tal-frilli.

'Qisek paġġ tal-kavallieri,' kien jgħidli ħija Toni biex jinkini. U konna naqbdu. Hu jgħidli ħaġa u jien oħra. U missieri, z-ziju u Karmnu mehdijin fuq x'kien qal Mizzi jew b'hiex kien ħareġ Strickland. Ħdejn il-Mall, Karmnu ta' Nisju kien jaqla' l-kappell u jsellem lil wieħed raġel wieqaf dritt fuq tarf parapett quddiem dar kbira. Kien raġel pulit, liebes l-iswed, ġlekk ftit 'l isfel minn qaddu, u b'sigarett f'idu kultant idaħħlu f'ħalqu u jdaħħan. Isellem u jkellem lil kull min jgħaddi minn ħdejh.

'Ġentlom!' smajt lil Karmnu ta' Nisju jgħid darba lil missieri. 'Ġie ħa sitt siġġijiet tal-qagħqa l-bieraħ u ħallas mal-ewwel.'

Hemm kont smajtha l-ewwel darba dil-kelma stramba. U għalhekk lil Pawlu tal-Lingi laqqamtu 'Il-ġentlom'. Minn dak inhar sa meta dħalt fl-użu tar-raġuni għalija 'ġentlom'ma kienx għajr 'raġel liebes ġlekk iswed qasir u b'sigarett f'ħalqu'.

Pawlu tal-Lingi, imma, kien aktar minn hekk. 'Bla dubju,' qalli wieħed minn sħabi lejlet l-elezzjoni ta' l-1950, 'Dak striklandjan, l-ewwelnett'.

Il-politka dik il-ħabta kienet qed issaħħan l-irjus. Il-Partit t'Għawdex kien xolja.

Pawlu kien jagħmilha mal-aħjar nies u mar mad-***D****[emocratic]****A****[action]****P****[arty].*

Forsi, għalhekk, sieħbi qalli li kien striklandjan. Ngħid is-sewwa kienet għalija rimarka żejda u tmeżmiżt. F'qalbi għidt: 'Jekk li tkun striklanjdan ifisser li tkun dħuli ma' kulħadd, allura anke jien nixtieq inkun striklandjan.'

Tad-D.A.P. kienu kollha lawrjati, ħafna minnhom tobba u avukati. Pawlu biss ma kienx. Kien, imma, gradwat fl-iskola tal-qalb. U l-poplu ppreferih. F'dik l-elezzjoni ħadd ħliefu mid-D.A.P. ma kien tala'. Ħasra li ftit dam fil-Parlament. Dak il-ftit, iżda, fetaħlu dinja ġdida. Resaq aktar lejn il-politikanti li qabel tant kien jikkritika. L-iktar lejn Nerik Mizzi.

'X'raġel kbir kien!' qalli dak inhar tal-kommemorazzjoni f'ġieħu li saret fl-Oratorju Don Bosco għeluq ix-xahar minn mewtu.

U baqa' ta' spiss kull meta kien jiltaqa' miegħi, jgħidli xi bluha hi l-pika fil-politka.

Darba lemaħni niċċaċċra ma' Mabel Strickland fuq mejda fir-restorant tal-lukanda tiegħu.Inġibed lura. Donnu ma riedx jemmen lil għajnejh. Mabel indunat u qabel fetaħ ħalqu qaltlu: '*You needn't tell me! This is my young nationalist. Now can you bring lunch for us.*' Billi kont korrispondent tat-*Times* kienet ġennitni biex noħroġ għall-politika magħha. Għalxejn kont ngħidilha li kont tajjeb biss biex nikteb xi artiklu u mhux biex nipprietka. Dak inhar iżda dehret li qatgħet qalbha. U x'ħin Pawlu reġa' ġie mal-wejter bil-platti li ordnajnielu, qaltlu: '*Now, he will write a nice article about your hotel.*'


Cassar

'Jien mhux fuq il-lukanda rridek tikteb,' qalli wara Pawlu.'Id-*Duke's* jiġu gvernaturi u ammiralli u ma għandiex bżonn ta' reklami.'

Kien qed jgħid sewwa. Mija u tletin sena ilu d-*Duke of Edinburgh Hotel* kienet diġa magħrufa bħala l-aqwa lukanda tal-gżira. Fl-1888 il-gvernatur Simonds kien qagħad fiha tlett ijiem u faħħar '*the cleanliness of the house and bedrooms*'. U bħalu għamel l-ammirall Walter Kerr fl-1891 u l-maġġur ġenerali John Owen fl-1897. Dak iż-żmien, imma, kienet għand ċertu Spiru Axisa. "Illum id-*Duke's* hi tas-sur Pawl Portelli u hija l-ospitalità tiegħu l-aqwa *asset* tal-lukanda."

Christopher Kenninmooth, kittieb Ingliż tat-*travelogues* kien iltaqa' miegħu fl-ewwel snin tal-ħamsinijiet. Bilkemm kien rifes l-għatba, jgħid, li ma kienx '*royally welcome with a great deal of brandy*'. Hekk kien magħmul Pawlu. Jifraħ b'kulħadd. L-iktar bil-barrani.

U kompla kiteb hekk fil-ktieb tiegħu **The Brass Dolphins**: '*Paolo sat upon all the committees that dealt with convivial things, those of the football clubs, the proposed ladies' club, Carnival – and the war memorial.*'

Is-sens ta' nazzjonaliżmu fih kien jispikka f'bosta Għawdxin anke fl-imgħoddi. Li kieku ma kinitx l-imħabba għal pajjiżna, kieku l-avukat Paolo Dingli u ibnu Adriano ma nafx kemm kienu jitwebblu jkomplu l-inizjattiva ta' l-Arċipriet Cassar biex Għawdex isir djoċesi! F'Pawlu tal-Lingi dan l-ispirtu ma kienx tant politiċizzat. Pawlu kien aktar qrib iż-żgħir. U l-ħeġġa tiegħu biex iwaqqaf kumitati ta' għajnuna kienet aktar ispirata mill- altruiżmu tiegħu. Ifakkarni f'ċertu M.A.M. Mizzi li fil-bidu tas-seklu għoxrin kien kunsillier għal Għawdex fil-Kunsill tal-Gvern. Ngħid is-sewwa ftit naf fuqu. Ma jidhirlix li kellu parentela ma' Fortunato Mizzi li kien kunsillier qablu fil-Kunsill. Naf li kien bħal Pawlu attiv f'kull livell tas-soċjetà Għawdxija. Kien promutur fil-kisba tal-Kolleġġjata tan-Nadur u ħareġ għadd ta' pubblikazzjonijiet fuq Għawdex. Ħaġa li ġibditli l-attenzjoni fuqu kienet ittra li kien kiteb lil Don Bosco fl-1886 biex jibgħat f'pajjiżna nies imħarrġa fit-tipografija biex jgħallmu lill-ħaddiema tagħna.

F'Pawlu kien dan is-sens li jara lil niesna bħal ħaddieħor f'pajjiżi oħra li kien jimbuttah biex jagħmel wiċċu. Fil-lukanda kienu jiġu bosta rjus u għalhekk ma kienet xejn ħaġa kbira li jmur f'ras il-għajn. Anzi fil-kas ta' Pawlu kienet ras il-għajn li tmur għandu. U kienu jisimgħuh.



Inċident żgħir li forsi ta' min ma jinsihx f'dan ir-rigward kien dak ta' *toilets* li Pawlu ried li jsiru fit-Tokk. Latrina ma kienx hemm. U ma nafx min qabel Pawlu qatt ħaseb li kien hemm ħtieġa tagħha.Ħafna kienu jinqdew mal-ħajt ta' wara l-Banka. Bħall-klieb. U barra l-irwejjaħ, il-fatt li barranin kienu jfittxu spiss *public convenience* u ma jsibux kienet ħaġa li tbaxxina. Mhux l-ewwel darba li Pawlu kien ilminta miegħi dwar hekk u ħeġġiġni nikteb fit-*Times*. Nobqot l-idea, għalhekk, li jinfetaħ bieb u ssir latrina f'waħda minn dawk il-kmamar.

Kif jista' jkun! Dak skandlu! Il-Banka kienet xogħol ta' l-arkitett franċiż Mondion u monument arkitettoniku uniku għal gżiritna. U ġie suġġerit li din il-latrina li ried Pawlu tinbena taħt l-art aktar tard.

Mn'Alla! Kull deni ħudu b'ġid. Għax fil-gandott li tħaffer tul it-Tokk tfaċċat l-istorja ta' beltna. Ftit forsi sa dak inhar kienu jinteressaw ruħhom fl-imgħoddi ta' niesna. U għall-ewwel darba kienu bdew jidhru sinjali ta' qawmien nazzjonali favur l-ambjent. Prof. Trump li kien mexxa l-iskavi stagħġeb bl-interess tan-nies. Ma niskantax! Mhux komuni li f'Għawdex tinstab kantina ta' żmien r-Rumani! U min kien kurjuż ġera biex jara l-imnara tas-seklu ħamsa bis-sinjali nsara. Kienet l-ewwel darba li qatt instab fdalijiet bħal dawk. Pawlu stess ħassu kburi. Għadni narah quddiemi, idur ma jafx x'sa jgħid, meta qalulu li kien hemm fdalijiet ta' bini antik ta' xi elf u mitejn sena qabel Kristu. U lili jistaqsini b'ċerta delużjoni: '*Allura ma kinnix nsura qabil?*'

Forsi ma jkunx qed jarrali ħafna jekk ngħid li fil-polemika għal dik il-latrina kien żdied l-interess għal xi forma ta' Kunsill Ċiviku għal Għawdex. Naf, l-għajta bdiet ħafna qabel. Kif wieħed jinduna mill-ġurnal "*Għawdex*". U nista' nonqos lill- Patri Akkursju Xerri u lill-Prinċipal, it-tabib Anton Tabone,jekk ngħid li ma kienx hekk. It-tħambiq ta' Pawlu, imma, ma kienx nieqes u m'għandix dubju li d-diwi tiegħu kien jinstama' ukoll fl-irkejjen u l-kurituri tal-palazzi ta' min dak iż-żmien kien tassew jikkmanda. Nixtieq insellem lil kulmin ħa sehem f'dik l-inizzjattiva. Lil Toni Buttigieg tal-Qala (is-surmast) u lil Anton Vassallo li bħal Pawlu ma kienu jiċħdu l-ebda farka ta' ħilithom għall-ġid ta' pajjiżhom.

Forsi, imma, l-iktar ħaġa li Pawlu kellu għal qalbu kienet it-twaqqif tal-monument tal-gwerra. Pawlu kien tilef tifel waqt il-ħbit ta' l-għadu. Anton. Ftit nafu. '*Ġuvnej li kin jupprumetti*', qalli darba meta staqsejtu dwaru.'*U kin ipengi daqs Kuntoj*'. Ma bqajtx nistaqsih aktar. Wieħed jista' jaħseb x'kien iġarrab




f'qalbu meta jiftakar fih. U bħalu missirijiet u ommijiet oħra. U għalhekk ried li s-sagrifiċċju tagħhom ma jintesiex.

**Il-Bambin biss jaf x'ġarrab sakemm twaqqaf dak il-monument! L-ewwel sakemm saret l-istatwa ta' Kristu Sultan tal-bronż għand Carlo Pisi f'Ruma, imbagħad wara li waslet Għawdex. Damet is-snin mitluqa f'garaxx it-Tiġrija.**

'*Kikew kin tel-laħem u mhewx tel-brunż, l-Għawdxin kinew jsallbewh uktar millej kinew sallbewh el-Lhewd,*' kien iħobb jgħid lil kull min kien imur jara l-monument fil-garaxx.

'*Anzoj neħsib lenqas kinew jħellewh iqowm!*'. kien iħobb iżid...

U li kieku mhux għax kienet ġejja r-Reġina Elisabetta biex tikxfu, kieku kellu mnejn jintesa f'dak id-dlam tal-garaxx!

Kien fih tip dan Pawlu tal-Lingi! Pijunier fil-qasam turistiku, filantropiku, imma fuq kollox uman. Żgħir li ma jiddejjaqx jiċċekken. Niesu kienu dawk kollha madwaru, ħbieb u għedewwa. Ma kienx imut wieħed minnhom li ma kontx tarah jibkih fil-funeral. Kemm jekk ikun striklandjan u kemm jekk nazzjonalista. Ljun jew stilla. Dejjem wara, fl-aħħar tal-korteo. Qisu l-aqwa filosfu jimmedita fuq il-kejl li bih jiġi mkejjel il-bniedem f'tarf ħajtu.

Għalija, bħalma kien għal bosta, Pawlu kien l-*entrepreneur* li għamel id-*Duke of Edinburgh Hotel*. Kemm tifkiriet! Johnnie, Roger, Frankie tal-Magna, il-*Victoria Athletics,* Dwardu Grech, Dolindu ta' Menzja, Mabel Strickland, il-pittur Conti, is-sinjura Bianca. Kollha bin-niċċa tagħhom f'd-dinja żgħira Għawdxija. Illum id-*Duke of Edinburgh Hotel* m'għadhiex hemm. Postha ħadu l-progress. U lanqas għadu hemm Pawlu tal-Lingi. Ħalliena fi Frar tal-1968. Minnhom baqa' biss l-ispettru tal-ġentlom, ir-raġel liebes ġlekk iswed qasir wieqaf fuq il-parapett, xhieda taż-żmien meta l-irġulija kienet sinonima ma' l-għaqal, it-tolleranza u t-tjubija.

**ATTARD'S FURNITURE**

*For all kinds of Furniture*

- *Main & Spare Bedrooms,*
- *Sitting rooms,*
- *Dinning rooms*
- *Wall-Units, &*
- *Loose Furniture*

N.B. Fortunato Mizzi Street Victoria Gozo. Tel. 21556760

JJ Video Centre

CAR STEREOS
HI-FI EQUIPMENT
SAT. SYSTEMS
TV SETS & AERIALS

Fortunato Mizzi Street, Victoria VCT 111, Gozo Malta.
Tel / Fax: 21 556455 Mob: 7949 4716

GREZZJU BONELLO
Water Proofing Service
for Roofs and Walls

'Grez Jos',
Filfla Street, Għajnsielem
Tel: 2155 7694
Mob: 9946 9102

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP

FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Il-Ħolm: Tajjeb għal Saħħitna

Il-ħolm minn dejjem kien fenomenu li jippreokkupa lill-bniedem. Kulħadd joħlom xi ftit jew wisq waqt l-irqad. Hawn min joħlom anke meta jkun imqajjem! Xi ħadd jilmenta li waqt il-ħolm ikollu ħafna idejat brillanti iżda sfortunatament qatt ma jirnexxielu jirreġistrahom għax filgħodu x'ħin iqum jinsihom. Mela dan il-ħabib tagħna ġietu idea brillanti biex meta tiġih idea tajba waqt il-ħolm għandu jqum u jiktibha! Hekk għamel u l-għada fetaħ il-ktieb biex jara x'kiteb u fil-ktieb kellu miktub hekk: "Meta tiġik idea brillanti, iktibha!"

Iżda wara kollox il-ħolm huwa daqshekk importanti u ta' min jagħti kasu? Bla dubju ta' xejn ċertu ħolm nibqgħu niftakruħ u jidher daqshekk ta' veru li nibqgħu impressjonati b'dak li nkunu ħlomna. Għaliex il-ħolm jidher daqshekk reali? Għaliex ħafna mill-ħolm ninsewħ? Il-ħolm tajjeb għal saħħitna? Il-ħolm għandu xi tifsira? Għal ħafna nies il-ħolm ma jfisser xejn, anzi ftit nagħtu kasu. Hemm oħrajn li għalihom il-ħolm huwa importanti u għandu tifsira. Kulħadd jaf l-istorja tal-Bibbja ta' Ġużeppi mibjugħ minn ħutu u l-kapaċita` ta' Ġużeppi li kien jinterpreta l-ħolm. Għall-Fargħun din kienet xi ħaġa kbira u ta' dan ippremja lil Ġużeppi u ħalla f'idejh il-provvista tal-qamħ. Il-ħolm huwa importanti wkoll fil-kultura ta' diversi popli. Matul il-medda ta' l-istorja naqraw dwar diversi mexxejja li kienu jagħtu importanza lill-ħolm u kienu jmexxu skond il-ħolm tagħhom.

Iżda xi tgħidilna x-xjenza dwar il-ħolm? Bla dubju ta' xejn l-aqwa xjentist li studja dwar il-ħolm kien Sigmund Freud. It-teoriji li għandna dwar il-ħolm u t-tifsir tiegħu huma tista tgħid kollha ta' Freud. Skond dan il-psikologu il-ħolm huwa t-twettieq tax-xewqat tagħna. Huma l-espressjoni tax-xewqat u fantasiji li aħna nkunu rażżanna għal xi raġuni jew oħra u li baqgħu ġewwa fina f'parti mill-moħħ tagħna li tissejjaħ l-inkonxju. Dawn il-fantasiji jistgħu ikunu tant qawwija u tal-biża' li jqajjmuna. Ħafna drabi aħna jirnexxielna naħbu dawn il-fantasiji b'simboliżmu li ma jagħmel ebda ħsara.

Carl Jung li kien student ta' Freud, studja wkoll il-moħħ tal-bniedem u dan qasmu f'diversi strati. Fil-qosor Jung qassam il-funzjoni tal-moħħ fi tlett partijiet: il-konxju, is-subkonxju u l-inkonxju. Skond Jung l-inkonxju jgħaqqad il-moħħ ta' kull wieħed u waħda minna ma' l-umanita` kollha jew aħjar mad-dinja ta' madwarna. Jung igħid li l-ħolm huwa serje ta' messaġġi minn madwarna (l-inkonxju) għalina personali (il-konxju).

Iżda x-xjenza moderna xi tgħid dwar il-ħolm u l-irqad? L-irqad huwa bżonnjuż? Kulħadd jgħid li iva. Iżda għaliex ma nafux sewwa. Konna naħsbu li waqt l-irqad il-ġisem jibni mill-ġdid ċelloli ġodda. Dan iżda mhux minnu għal kollox. Il-ġisem għandu bżonn il-mistrieħ u mhux neċessarjamanet l-irqad. Għalkemm meta ninxteħtu fuq xi sufan u għajnejna jmorru bina u norqdu, l-moħħ tagħna ma jkunx rieqed! Anzi waqt li nkunu reqdin il-moħħ tagħna jkun jaħdem aktar milli meta nkunu mqajjmin!

Biex nifhmu dan irridu nirrealiżżaw li hemm żewġ kwalitajiet ta' rqad. Irqad li fih inħarrku għajnejna ħafna (jew *REM sleep*) u rqad li fih ma nħarrkux wisq għajnejna (jew *NREM sleep*). *REM* tfisser: "*Rapid Eye Movement*", *NREM* tfisser: "*No Rapid Eye Movement*". Ħafna mill-ħolm isir waqt dik il-fażi ta' l-irqad meta nkunu nħarrku għajnejna (jew waqt il-*REM sleep*). Waqt il-ħolm il-muskoli tal-ġisem ikunu rilassati, iżda dawk ta' l-għajnejn ikunu l-ħin kollu jitħarrku taħt il-kappell ta' għajnejna! Din il-ħaġa kulħadd jagħmilha u għalhekk kulħadd joħlom! Dan jiġri xi erba' jew sitt darbiet matul lejl sħiħ. Kull sessjoni ddum minn 10 sa 20 minuta. L-ewwel sessjoni nidħlu fiha madwar 90 minuta li nkunu ilna reqdin. Għalhekk il-ħolm ma jistax isir fl-ewwel 90 minuta tar-raqda.

Permezz tax-xjenza moderna, illum nafu li għas-




saħħa tal-bniedem, il-*REM sleep*, huwa importanti, mhux l-irqad kollu. Dan kien ikkonfermat meta grupp ta' nies ma ħallewhomx ikollhom *REM sleep* billi kienu jqajjmuhom malli jkunu ser jidħlu ġo fażi ta *REM sleep*. Grupp ieħor ta' nies kienu mqajjmin daqs l-ewwel grupp iżda meta lestew il-*REM sleep* tagħhom. Ġara li l-grupp li ma ħallewhomx jgħaddu mill-*REM sleep* kellhom ħafna problemi. Wara li għaddew xi sitt jew sebat' iljieli mingħajr *REM sleep* bdew juru sinjali ta' irritazzjoni, ansjeta`, diżorjentament, konfużjoni mentali fil-ħsibijiet tagħhom u sintomi oħra ta' mard mentali jew għejja tal-moħħ. Il-grupp l-ieħor li qajjmuhom xorta imma wara li ħallewhom ikollhom l-*REM sleep* tagħhom, ma wrew l-ebda sintomi jew problemi mentali.

Dan l-esperiment juri li l-bniedem għandu bżonn il-ħolm aktar milli l-irqad. Għalhekk aħna norqdu biex noħolmu u mhux biex nistrieħu biss. Jekk ma noħolmux, il-moħħ jgħejja u nistgħu nimirdu. Issa hawn min igħidli li huwa ma tantx joħlom u xorta jħossu f'saħħtu kemm mentalment u kemm fiżikament. Iva dan huwa minnu, għax sempliċement dak li jkun ma jiftakarx il-ħolm! Huwa xorta waħda jkun joħlom, imma ma jafx li joħlom!

Waqt l-irqad il-moħħ ikun ipproċessa l-informazzjoni kollha li nkunu għaddejna minnha matul il-ġurnata. Ċerti esperjenzi l-moħħ jirreġistrahom fuq speċi ta' *file*. Hekk per eżempju, jekk tkun ser ittajrek karozza, dik tkun esperjenza li inti tibqa tiftakar għaliex il-moħħ ikun poġġiha ġo *file* apposta. Il-moħħ ikun issortja dawn l-esperjenzi kollha flimkien ma' eluf oħra ta' messaġġi mill-inkonxju tagħna waqt il-ħolm jew l-*REM sleep*. Jekk il-moħħ ma jingħatax iċ-ċans jagħmel dan il-proċess jispiċċa mgħobbi b'eluf ta' messaġġi li jikkawżaw konfużjoni u għejja mentali.

Kull darba li norqdu, il-moħħ jipproċessa dawn il-messaġġi, iħassar ħafna minnhom u jpoġġi oħrajn ġo *files* apposta li aħna nsejħu l-memorja. Dan huwa proċess naturali li jekk ma nħalluhx isir nagħmlu ħsara lill-moħħ.

Għalhekk hemm bżonn li nibqgħu noħolmu, kif tgħidilna Lynn Chircop fil-kanzunetta tagħha għall-Ewropa ta' din is-sena!

(*L-email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt*)

Ta' Pawlu
Bar & Restaurant
Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE




# *Fl-Isport is-Saħħa tan-Nazzjon*

Minkejja li wasalna fis-sena 2003, l-poplu Malti u Għawdxi jidher li għadu ma fehemx biżżejjed il-kunċett li l-attività sportiva hija miftuħa għal kulħadd. Jidher ċar li l-poplu għadu mhux konvint li l-attivitajiet sportivi mhux xi monopolju taż-żgħażagħ jew tal-*players* u atleti fid-diversi kompetizzjonijiet sportivi, imma huwa dritt ta' kulħadd. Ħafna jitħajru jibdew xi ħaġa imma jistħu jew jaqtgħu qalbhom malajr, imma darba li wieħed idaħħal l-eżerċizzju fiżiku bħala parti mill-ħajja tiegħu ta' kuljum jara kemm ikun iħossu aħjar milli qatt kien qabel.

Fil-fatt dan huwa l-iskop tiegħi ta' dan l-artiklu, li bih irrid inwassal messaġġ lilkom qarrejja u l-familjarji tagħkom, kif ukoll lil ħbiebkom biex ilkoll tibdew tagħmlu xi kwalità ta' eżerċizzju fiżiku u għalhekk se nagħtikom xi ħjiel importanti f'dan ir-rigward.

L-ewwelnett ħadd m'għandu jibda jagħmel l-eżerċizzju fiżiku mingħajr ħsieb mill-bidu. Tajjeb li wieħed jikkunsulta lit-tabib u jgħejdlu bix-xewqa tiegħu li jibda xi eżerċizzju fiżiku. Huwa mportanti li anke t-tfal jikkunsultaw lit-tabib minn dan l-aspett, anke jekk huma jipprattikaw xi tip ta' *sport* fl-iskola, u aktar u aktar għal dawk li wara li ilhom weqfin xi żmien minn attività fiżika jiddeċiedu issa li jerġgħu jibdew. F'dan ir-rigward l-aħjar li tingħaqad ma' xi grupp ta' oħrajn bl-istess idejat bħal tiegħek u tippjanaw bejnietkom programm bl-għajnuna ta' għalliem ta' l-edukazzjoni fiżika.

Importanti li nżommu f'moħħna li aħjar ftit minuti kuljum jew għall-inqas darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa milli pereżempju sagħtejn kull xahar. Darba kull tant, bosta drabi tagħmel iktar ħsara milli ġid lill-organiżmu. Tajjeb għalhekk li wieħed iżomm l-eżerċizzju fiżiku regolari u kull min irid għandu jsib mill-inqas siegħa fil-ġimgħa għall-miljorament ta' saħħtu. Fil-programm imfassal, ċertament li jrid ikun jinkorpora fih żieda fl-eżerċizzju li jsir biex tqawwi l-pulmuni. Wieħed irid jibda l-eżerċizzju bil-mod u jżid fil-qawwa u l-ħeffa. Għandu wieħed jalterna wkoll b'fażijiet ta' sekondi mistrieħ u terġa tkompli. Dejjem agħti ċ-ċans lill-qalb tbiddel il-pass u r-ritmu tal-eżerċizzju bil-mod u mhux f'salt wieħed.


*Daniel, Samwel, George u Jonathan Micallef (St. Lawrence)*



*Joseph u George Mizzi, Mario u George Farrugia, Anthony u George Frank Mizzi (Oratory Y)*

F'Għawdex insibu diversi membri ta' familji li jipprattikaw l-isport u dawn huma f'numru mhux ħażin. Ħa insemmi xi wħud minnhom li huwa aħwa u li jilgħabu l-futbol fl-istess tim jew f' timijiet differenti u allura wieħed għandu jieħu eżempju minn dawn it-talin biex huma wkoll jibdew jippratikaw xi tip ta' *sport*. L-iktar każ tipiku huwa ta' l-aħwa Micallef li jilgħabu ma' *St Lawrence* fejn insibu lil Samwel u ħutu t-tewmin Daniel u Jonathan u dawn flimkien ma' missierhom George li huwa wieħed mill-uffiċċjali tat-tim. La qed insemmu lil *St Lawrence*, tajjeb li ngħidu li f'dan it-tim hemm iktar aħwa u dawn huwa: Louis u Josef Galea, Aldo u Renzo Formosa, Michael u Teddy Micallef u t-tewmin Raymond u Godwin Cauchi. Ma' *St Lawrence* nsibu wkoll lil Joe Azzopardi li għandu lil ħuh Charlie li jilgħab ma' *Kercem A*. U ma' Kercem ukoll insibu lil aħwa Godwin u Alvin Grech u lil Mario Apap li għandu lil ħuh Paul jilgħab ma' *SK Victoria W*. Imbagħad ma' *SK Victoria* insibu lil David u Daniel Muscat. Fl-istess tim Rabti hemm Mark Meilaq li għandu lil ħuh Brian jilgħab ma' *Għajnsielem*. Ma' *Għajnsielem* insibu lil Loreto u Joseph Scicluna u każ ieħor rari ta' Joe Debono u ibnu Jonathan li jilgħabu fl-istess tim.

Mit-tim ta' *Żebbuġ* insibu lil Reuben u Sylvan Galea u lil Joseph u Manwel Cordina. *Oratory Youths* ukoll għandhom numru ta' aħwa jilgħabu flimkien, dawn huma George Frank u Anthony Mizzi; Joseph u l-*coach* George Mizzi u t-tewmin Mario u George Farrugia. Ma' *Sannat* insibu lil aħwa Chris u James Buttiġieġ u lil ħuhom l-ieħor Marvin ma' *Victoria Hotspurs*. Ma' *Victoria Hotspurs* hemm Noel u Stephen Borg. Ma' *Qala St* Joseph hemm Joseph u Charlie Attard u lil ħuhom Sammy ma' *Għajnsielem*. Ma' l-istess *Qala* hemm każ rari wkoll ta' Charlie Mifsud li flimkien ma' ibnu Mario jilgħabu fl-istess tim. U ma' *Qala* wkoll hemm Glenn Cefai u missieru John bħala l-*coach*. Ma' *Xagħra* hemm l-aħwa Andrew u Frank Debono u Donald u Josef Galea.




***Charlie u Joe Attard, Charlie u Mario Mifsud (Qala)***

Hemm ukoll John Camilleri li għandu lil ħuh Chris attwalment qed jilgħab ma' *Nadur Youngsters*. Ma' *Xewkija* hemm Dominic Cilia u missieru Salvu *coach* ta' *St Lawrence S*. Insibu wkoll lil Jason Portelli u missieru George bħal *referee*. Hemm wkoll żewġ aħwa bħala presidenti ta' klubbs u dawn huma Dr. Anton Tabone (*Victoria H*) u Robert Tabone (*Oratory Y*). Ma' dawn probabbli li hemm oħrajn li qabżulna jew li m'għadhomx tant attivi.

Semmejna lil dawn kollha biex nuru pubblikament li anke f'Għawdex il-kunċett ta' *sports* għall-familja kollha qed jiġi pprattikat. U nafu li anke fi *sports* oħra li jintlagħb f'Għawdex jeżistu każijiet bħal dawn li semmejna fil-futbol lokali. Dawn huma affarijiet li wieħed għandu jkompli jinkoraġġixxi dejjem iktar. Personalment nixtieq nara aktar Għawdxin jipparteċipaw fiżikament fl-isport. Fid-dinja mgħaġġla tal-lum, l-użu tal-ħin liberu joffri diversi sfidi. Użu tajjeb ta' dan il-ħin f'taħriġ fiżiku mhux biss hu mixtieq iżda bżonjuż.

L-edukazzjoni hi l-akbar investiment u b'konvinzjoni sinċiera nagħraf li l-isport hu wkoll tagħlim. Bniedem mgħallem u attiv fiżikament jitqies bħala bniedem komplet. Għandna nkunu ilkoll sportivi matul is-sena. Għaliex l-isportiv veru huwa sportiv għal ħajtu kollha. L-attivita` sportiva mibnija fuq l-ispirtu veru sportiv jixgħel lit-tfal, isib l-aqwa żvilupp fiż-żogħżija, imma jkompli fiż-żmien tal-maturita` u anke fl-anzjanita`, forsi b'inqas konsum ta' enerġija. L-appell tagħna għal parteċipazzjoni f'xi attivita` sportiva huwa minħabba li l-isport jgħin mhux ftit fil-formazzjoni tal-karattru ta' l-individwu. B'sehem fl-isport, wieħed jitgħallem u jidra jkun dixxiplinat, jaħdem ma' oħrajn mingħajr ma jkun egoist, jitgħallem jaħseb qabel jaġixxi. Fi ftit kliem, isir ċittadin aħjar u aktar den ta' pajjiżu.

Li nieħdu bl-ikbar ħeġġa u serjeta` kull ma nidħlu għalih fil-ħajja huwa ta' ġid u ta' siwi. Fl-isferi kollha tal-ħajja, atteġġjament bħal dan iwassal biex f'ħidmietna nilħqu livell dejjem għola. Fl-iżvolġiment ta' kull sport, il-ħeġġa u d-dedikazzjoni wassluna biex nimpenjaw ruħna bis-serjeta`. Huwa fl-interess ta' kulħadd li l-attivitajiet sportivi f'pajjiżna ikollhom parteċipazzjoni popolari. Kulħadd irid jagħti s-sehem tiegħu sabiex l-isports ikun l-iktar ħaġa mfittxija waqt il-ħin liberu. L-isports huwa essenzjali għal soċjeta` b'saħħitha u matura. L-isport jgħin ħafna fl-edukazzjoni, iferrex il-ħbiberija u fl-istess waqt iservi ta' aljenazzjoni mid-diffikultajiet tal-ħajja tagħna ta' kuljum. L-isport għandu jservi wkoll biex inaqqas it-tensjoni li takkumula minn diversi oqsma. Nispiċċa billi nappella lil kulħadd biex tagħmlu ħilitkom kollha ħalli tieħdu sehem f'xi attivita` sportiva u b'din il-prattika tkunu qed issaħħu lilkom infuskom, kemm fiżikament, kif ukoll mentalment. Fl-istess waqt l-attivata` sportiva tagħkom għandha tgħinkom mhux ftit biex tgħixu ħajja aħjar għaliex tgħallimkom taħdmu flimkien, tikkoperaw iktar ma' xulxin, u dan jiswa fil-ħajja ta' kuljum. Fl-isport il-bniedem l-iktar li jikkompeti huwa miegħu nnifsu. U rebħa fuqu nnifsu hija l-ikbar rebħa li jista jagħmel il-bniedem. L-isports għandu jservi biex wieħed jiżviluppa l-personalita` waqt li jkun qed jiżviluppa l-fiżiku tiegħu: *mens sana in corpore sano*. Huwa ferm importanti li l-Gvernijiet u l-Kunsilli Lokali tagħna jattwaw dak li sar f'pajjiżi ewropej oħra, meta ħolqu kuxjenza nazzjonali tal-ħtieġa li ċ-ċittadini kollha jipprattikaw l-isport għal saħħithom u s-saħħa tan-nazzjon. Dawk responsabbli għandhom iħarsu lejn il-prattika sportiva bħala investiment kbir għal pajjiż żgħir bħal tagħna. Il-pajjiż għandu bżonn poplu li jiftiehem. L-isport għandu jkun arma li tintuża biex twassal għal dan il-għan.



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Tifel ikollu bil-fors jiżżewweġ lit-tfajla li kien jgħajjar!*

Povru tifel! Ta' 14-il sena, tifel mill-Indja kellu bilfors jiżżewweġ lil tifla ta' 12-il sena li kien dejjem jgħajjarha li mhix attraenti. Il-każ ġara ftit tal-jiem ilu u ġie rappurtat bi prominenza fuq il-*Hindustan Times*. It-tfajjel Pradeep Paswan ħa jkollu jiżżewweġ lil Hemlata Kumari għaliex l-awtoritajiet xebgħu jirċievu rapporti ta' tgħajjir min-naħa tat-tifel!

Għalkemm għall-bidu l-ġenituri tat-tifel ma xtaqux li ż-żwieġ iseħħ, fl-aħħar kellhom jaċċettaw fuq insistenza tal-partit komunista ta' Dhanbad, f'Jharkhand. Il-mexxej tal-partit komunista indjan stess, Gurudev Yadav, ta' lit-tifel 65 lira sterlina biex jgħinu jibni dar. Imma dar bla mħabba sħiħa... x'tiswa?!

### *Ġibu siġġu magħkom!*

Tfal fi skola fiċ-Ċili ġew ordnanti jibdew jieħdu siġġu magħhom l-iskola, għaliex il-kap tal-iskola nsiet tordna siġġijiet ġodda, u dawk li hemm bħalissa huma żlugati wisq.

Aktar minn 200 student spiċċaw mingħajr siġġu fl-iskola ta' Los Lobos Nancy Osses, li tinsab f'Talcahuano. Issa ta' kull filgħodu qed iġorru siġġu magħhom, barra t-tagħbija tal-kotba! Ajma ħej!

### *Ikeċċi l-plejers u l-kowċ*

Il-president ta' klabb tal-futbol Messikan kellu l-kuraġġ ikeċċi l-kowċ u lill-plejers kollha tat-tim tiegħu. Il-President ta' Cruz Arol, Alvarez Cuevas, qal madankollu li lest jerġa jilqa lura l-plejers fit-tim fi tmiem l-istaġun. Cuevas ħa din id-deċiżjoni wara li t-tim tiegħu tilef kull logħba li lagħab f'erba xhur sħaħ. Kastig jew korrezzjoni?

### *Oħxon wisq għal wara l-iżbarri*

Raġel li ġie kkundannat għall-ħabs fl-Awstrija wara li nstab ħati li ffalsifika flus u ċekkijiet, ma setax jiddaħħal il-ħabs għaliex kien oħxon iżżejjed. Almenu għal darba, il-ħxuna żejda fiha vantaġġ!!

L-avukati tiegħu diġa ressqu talba biex tinbidel is-sentenza għaliex il-klijent tagħhom ma jista joqgħod fl-ebda ċella. Ir-raġel, li qed jissejjaħ Helmut S, huwa twil sitt piedi u żewġ pulzieri u huwa fost l-eħxen nies fl-Awstrija.

### *Mixja madwar id-dinja*

Hekk qed jipprova jagħmel raġel Kanadiż, li s'issa diġa mexa 11,000 mil. Qed jittama li sas-sena 2012 ikun dar id-dinja kollha bil-mixi. Ftit tal-jiem ilu Jean Beliveau wasal Buenos Aires fl-Argentina. Telaq mid-dar tiegħu, f'Montreal, sentejn u nofs ilu. Ir-raġel ta' 47 sena qed iġorr miegħu *push-chair* li fiha hemm tinda, *sleeping bag* u l-bandiera Kanadiża. Ta' min jgħid li s'issa diġa biddel 16-il par papoċċ. Huwa stqarr li ried jagħmel din il-mixja biex jippromwovi l-paċi fid-dinja... Imma tgħid jirnexxilu jasal Baghdad???



**Meta f'Malta Kellna l-Ferrovija . . .**

*F'dan ir-ritratt, meħud fuq 80 sena ilu, jidhru ż-żewġ ferroviji li għal xi żmien kienu jaħdmu f'Malta bejn ir-Rabat tal-Imdina u l-Belt Valletta, weqfin fl-istazzjon ta' Birkirkara. (Bil-kortesija tan- "National War Museums Association" u "Bieb Bieb", San Ġiljan)*


Into the Future
Daring design, extensive use of technology and space. The new Peugeot 307 is the forerunner of a new generation of vehicles; a blueprint for the 21st century car.
Perfectly in tune with your expectations for tomorrow, the 307 has an extraordinary range of technology such as automatic headlight illumination, an optional "PORSCHE TIPTRONIC SYSTEM", sequential automatic gearbox and an ABS braking system with EBFD (Electronic Brake Force Distributor) and Emergency Brake Assist. With Airbags, 4 disc brakes, "active" seat backs, a retractable steering column, and HDi technology, the 307 provides a high level of technology that not only delivers for you, but for your environment too.
307
Michael Attard Ltd.
National Road, Blata l-Bajda - T. 2123 8854
Psaila Street, Sta Venera - T. 2144 9312
E: sales@michaelattard.com
Gozo Sub-agent: Attard Auto Dealer, Mgarr Rd., Għajnsielem - T: 2155 9453
PEUGEOT
PEUGEOT. ENGINEERED TO BE ENJOYED.

PEG PUBLICATIONS

## Edizzjoni mill-isbaħ ta' Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd




- 80 paġna, illustrat bil-kulur
- 290 x 205; Hard Bound

**Ktieb b'aktar min skop wieħed:**

- **Ktieb għall-qari mill-istudenti tal-5 u s-6 Klassijiet ta' l-iskejjel Primarji u l-1 sat-3 sena ta' l-iskejjel sekondarji.**
- **Rigal eċċellenti mit-tfal għat-tfal f'okkażjonijiet bħal Preċett, Griżma u oħrajn.**
- **Ktieb li għandu jkun fil-librerija ta' kull tifel u tifla.**

Dan il-ktieb **ĦAREĠ** u jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba ewlenin.
Għal aktar tagħrif ċemplu fuq Tel: 490540 / 449043
E.mail: contact@peg.com.mt Home page: http://www.peg.com.mt